MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Rikors Numru. 17/2002/1

**L-Avukat Dottor Rene' Frendo Randon, Fabrizia Frendo Randon, Maria Teresa Gatt, Maria Teresa sive Miriam Foreshow, Gabrillea sive Gaby Pellegirini Petit, Tonio Ganado, Vanni Ganado, Maria Galea, Rita Buttigieg, Josephine Farrugia Randon, it-Tabib Dottor Stanley Farrugia Randon, Roberta Farrugia Randon, l-Avukat Dottor Philip Farrugia Randon, Marisa Ellul Sullivan, Martin Farrugia Randon, Maria Paris, Anna Camilleri, Robert Randon, Frances Randon, Hilda Randon, Anthony Louis Randon f' ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-assenti Victor Randon, Mario Randon f' ismu proprio u bhala mandatarju ta' l-assenti Mary Rose Finn, Victoria Mangion, Hugh Leone Ganado, Albert Leone Ganado, Godfrey Leone Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado, Miriam Fenech, Mary Pace Balzan, ir-Reverendu John Randon, Vincent Randon, Alexander Randon f' ismu u bhala mandatarju ta' l-assenti Mae Cassar Torreggiani, Eileen Formosa u Anthony Randon, u b'**

**digriet tat-30 ta' Gunju, 2003 Anthony Louis Randon f' ismu kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju ta' l-assenti Victor Randon, Mario Randon f' ismu kif ukoll fil-kwalita' tieghu ta' l-assenti Mary Rose Finn, Victoria Mangion, Hugh Leone Ganado, Albert Leone Ganado, Godfrey Leona Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado, Mirian Fenech, Mary Pace Balzan u r-Reverendu John Randon assumew l-atti ta' din il-kawza minnflok ir-rikorrenti Frances u Hilda Randon li mietu ntestati fil-mori ta' din il-kawza u b' digriet tat-2 ta' Frar, 2007, l-atti tal-kawza gew trasfuzi fil-persuni ta' Eleonora sive Nora Randon, David Randon, Marisa Anderson mart Lee Anderson, Ronald Randon, Christina Randon, Anthony C. Randon u Jai Michael Randon bhala eredi tad-decujus Victor Randon, u b' digriet tat-2 ta' Frar, 2007 l-atti ta' din il-kawza gew trasfuzi fil-persuni ta' Mario Randon, Miriam Fenech, Mary Rose Finn, Mary Pace Balzan, Victoria Mangion, Reverendu John Randon, Albert Leone Ganado, Godfrey Leone Ganado, Joseph Leone Ganado, David Leone Ganado u Louis Pace Balzan, bhala prokuratur ta' David Randon, Marisa Anderson, Ronald Randon, Christina Randon, Anthony C. Randon u Jai Michael Randon bhala werrieta tad-decujus Anthony Raondon**

**vs**

**Il-Kummissarju ta' l-Art u l-Avukat Generali, flimkien mal-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u Gvern Lokali u l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghal kull interess li jista' jkollhom**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti fejn gie premess:-

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 1969 il-Kummissarju ta' l-Art innotifikata lil Beatrice xebba Randon; Maria Theresa sive Miriam xebba Randon;

Gabriella sive Yaby (sic) mart Joseph Pellegrini Petit; Ida armla Randon; Iris xebba Randon; Alda mart Dottor Herbert Ganado B.A., LL.D.; Wanda mart Dottor Arialdo Farrugia M.D., B.Sc.; Dottor Goffredo Randon LL.D.; Dottor Vittorio Randon LL.D.; Frances, Hilda u Rose xebbiet ahwa Randon; Anthony Louis Randon f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' Victor Randon; Reverendu John Randon; Gerald Randon; Tessie mart Hugh Leone Ganado; Mary armla Pace Balzan; Vincent Randon f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' Mae mart William Cassar Torreggiani; Eileen mart il-Kaptan Vincent Formosa; Anthony Randon; Alexander Randon; Dottor Rosario Frendo Randon LL.D.; in-nisa mizzewga assistiti mir-rispettivi zwieghom b'kopja ta' dikjarazzjoni datata 13 ta' Frar 1969 li permezz taghha l-allura Gvernatur-Generali ddikjara li l-artijiet hawn taht imsemmija kienu mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti ghal skop pubbliku skond id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet pubblici u illi l-akkwist taghhom kellu jsir b'xiri assolut;

"(A) bicca art tal-kejl ta' sitt tmien u hames kejliet (6T 0S 5K), li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill-punent ta' Triq Benghajsa, min-nofs in-nhar ma' proprjeta' tas-Sur Joseph Polidano, u mill-grigal mal-Beneficcju tas-Suffara; u

(B) bicca art tal-kejl ta' hdax tmien u disa' kejliet (11T 0S 9K), li tinkludi nofs il-wisa' ta' sqaq, li tmiss mill-majjistral u mill-punent ma' proprjeta' tal-Gvern, min-nofs in-nhar ma' sqaq, u mill-girgal parti ma' proprjeta tas-Servizzi u parti ma' proprjeta' tal-Beneficcju tas-Suffara, amministrat mill-Ekonomu Beneficcju Vakanti;"

kif deskritti fir-rapport ta' l-Arkitett u Inginier Civili Edgar Xuereb tal-11 ta' Frar 1969, mill-liema bicca art markata (B) gie dikjarat li rrizulta li l-intimati kienu jipposjedu bicca tal-kejl ta' hdax tmien, erba' kejliet u hames decimi ta' kejla (11T 0S 4.5K) kif deskritt fir-rapport ta' l-Artkitett u Inginier Civili Edgar Xuereb ta' l-14 ta' Frar 1969;

Illi kontestwalment ma’ tali ittra ufficjali, il-Kummissarju ta’ l-Art permezz ta’ ittra ufficjali indirizzata lill-istess intimati nfurmahom illi l-kumpens li l-awtorita’ kienet lesta biex thallas lilhom ghax-xiri assolut bhala liberi u franki ghall-bicctejn art deskritti kien ta’ hames mija, hamsa u sebghin lira (Lm575) ghall-bicca art markta (A); u elf, mija u sebgha u ghoxrin lira maltin (Lm1127) ghall-bicca art markata (B), u dana b’riferenza ghar-rapporti fuq imsemmija ta’ l-Arkitett u Inginier Civili Edgar Xuereb;

Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata l-10 ta’ Marzu 1969, l-intimati msemmija kienu rrifjutaw il-kumpens offert ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess ittra ufficjali;

Illi minghajr ma pproceda sabiex jitlob lill-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet jordna t-trasferiment ta’ l-artijiet in kwistjoni b’xiri assolut u jiffissa l-kumpens relattiv, il-Kummisarju ta’ l-Art ghadda l-imsemmija artijiet lill-Malta Freeport Corporation u fl-1989 beda jsehh l-Att dwar il-Portijiet Hielsa (Kap 334), li in forza tieghu l-artijiet ta’ l-esponenti u/jew ta’ l-awturi taghhom saru parti minn zona ta’ Port Hieles u gew sviluppati in toto jew in parti ghall-finijiet ta’ l-imemmija korporazzjoni wara li l-pjanta relattiva giet transuntata fl-atti tan-Nutar Principali tal-Gvern, Dr. Franco Pellegrini, fil-25 ta’ April 1989;

Illi fil-frattemp, ghalkemm ir-rikorrenti u l-predecessuri taghhom fit-titolu nterpellaw diversi drabi lill-Kummissarju ta’ l-Art sabiex jintavola l-proceduri necessarji sabiex tigi effettwata u konkluza l-esproprjazzjoni, l-intimat baqa’ inadempjenti u baqa’ jitlob informazzjoni ulterjuri dwar it-titolu tar-rikorenti u tal-predecessuri taghhom fit-titolu sakemm ir-rikorrenti odjerni (u/jew l-awturi taghhom fit-titolu) ntavolaw citazzjoni quddiem dina l-Qorti fis-sede civili taghha sabiex tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex il-konvenut jipprocedi gudizzjarjament quddiem il-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet skond il-ligi bl-ispejjez u bir-rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri fl-ismijiet “Dottor Rene’ Frendo Randon et vs Kummissarju ta’ l-Artijiet” (citazzjoni numru 2622/96 AJM);

Illi ghalkemm il-Kummissarju ta' l-Art baqa' jinsisti li kien jispetta lir-rikorrenti li jippruvaw it-titolu taghhom u eccepixxa li l-azzjoni taghhom kienet intempestiva billi huwa kien dispost illi jintavola l-proceduri necessarji hekk kif huwa jkollu l-informazzjoni kollha minnu mehtiega, dina l-Qorti kif allura presjeduta kkonkludiet li kien il-Kummissarju ta' l-Art li kellu dmir impost mil-ligi li jipprcedi fil-konfront tas-sidien jew ta' kull min kellu interess fl-art *de quo* u li jipprocedi kontra kuraturi f'kaz illi s-sidien ma jkunux maghrufa jew ikunu ncerti, u ghalhekk cahdet l-eccezzjonijiet sollevati u ordnat lill-konvenut Kummissarju ta' l-Art sabiex fi zmien tlett xhur mid-data tas-sentenza (l-4 ta' Frar 2000) huwa jistitwixxi l-proceduri mehtiega quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet in konnessjoni mal-proprjeta' fuq imsemmija;

Illi permezz ta' rikors intavolat nhar it-18 ta' April 2000, l-Agent Kummissarju ta' l-Art intavola rikors quddiem l-Onorabbli Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet kontra l-istess persuni ntimati bl-ittra ufficjali originali fuq imsemmija, rikors numru 3/00, u talab lil dak l-Onorabbli Bord sabiex jordna lill-intimati f'dawk l-atti biex jittrasferixxu favur tieghu b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera il-bicctejn art fil-limiti ta' Birzebbuga fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-guranta, hin u lok li l-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjoni tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap 88);

Illi fil-mori ta' tali proceduri, gew rezi pubblici l-pjanijiet tal-Gvern u tal-Freeport Corporation rigward il-privatizzazzjoni, totali jew parzjali, ta' l-istess Freeport Corporation, inkluz l-ghoti lis-settur privat ta' l-uzu u t-tgawdija ta' certi strutturi mibnija *in toto* jew *in parte* fuq l-artijiet in kwistjoni, kif ser jirrizulta mill-provi;

Illi il-ilmenti kostituzzjonali tar-rikorrenti huma cari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti:

**I. Esproprjazzjoni li mhijiex fl-Interess Pubbliku**

Illi l-ewwelnett, in vista ta' l-iskema ta' privatizazzjoni fuq imsemmija rrizulta li l-esproprjazzjoni li ghaddejja, u li sa issa ghadha mhijiex konkluza, irriduciet ruhha ghal esercizzju ta' spekulazzjoni kummercjali u edilizzja li permezz taghha l-uzu materjali ta' l-artijiet in kwistjoni ser jghaddi f'idejn is-settur privat ghal skopijiet purament kummercjali, u li f'dan il-process il-Gvern ta' Malta u l-Freeport Corporation ser jaghmlu qligh konsiderevoli. Jigi sottomess illi l-fatt li esproprju jinbidel f'operazzjoni ta' spekulazzjoni purament kummercjali jnehhi l-element ta' l-interess pubbliku necessarju ghall-validita' ta' l-esproprju, kif gia' precedentement deciz minn dina l-Onorabbli Qorti f' kazijiet simili;

**II. Nuqqas ta' Dritt ta' Access Quddiem Awtorita' Gudizzjarja – Kost. 37(b)**

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju, jigi sottomess li ghar-ragunijiet li gejjin, l-esproprju propost mill-Gvern jilledi sija l-Kostituzzjoni u sija l-Konvenzjoni Ewropea ghal numru ta' ragunijiet indipendenti. Fl-ewwel lok, ai termini ta' l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni l-ebda esproprju ma hu lecitu hlief fejn ikun hemm ligi li tipprovdi ghall-hlas ta' kumpens xieraq u:

(b) li tizguara lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens, dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta' u l-ammont ta' kull kumpens li ghalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb hlas ta' dak il-kumpens;

Fil-kaz tal-Kap 88, ma jinghata l-ebda dritt ta' access quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet lill-persuna li tippretendi l-kumpens lilha dovut; tali access huwa ristrett favur l-intimat Kummissarju ta' l-Art, illi jinizja tali proceduri skond kriterji ta' priorita' determinabbli minnu biss;

Illi fil-kaz odjern, dan in-nuqqas ta’ dritt wassal biex ma ttiehdet l-ebda azzjoni mill-Kummissarju ta’ l-Art wara l-1969 sakemm ma giex ordnat sabiex hekk jaghmel mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili, b’dan illi xorta wahda baqa’ jostina ruhu u jippersisti fil-posizzjoni tieghu li ma kellux informazzjoni necessarja sabiex jipprocedi kontra s-sidien attwali, u minflok ottempera ruhu ma’ l-ordni moghtija lilu mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili, huwa la intavola r-rikors tieghu kontra l-atturi fil-proceduri fl-ismijiet “Dottor Rene’ Frendo Randon et vs Kummissarju ta’ l-Artijiet” (citazzjoni numru 2622/96 AJM), u lanqas ipproceda kif titlob il-ligi kontra kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw is-sidien incerti. Huwa fil-fatt baqa’ ma ghamilx ir-ricerki minnu rikjesti skond il-ligi u ntavola rikors kontra persuni li kien jaf perfettament li kienu mejta; dina l-oggezzjoni tqajjmet quddiem l-Onorabbli Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, bir-rizultat li ntalbet zjieda fl-okkju fis-sens illi ma’ isem l-intimat f’dawk l-atti jizdiedu l-kliem “fl-aventi kawza taghhom”, liema korrezzjoni ntlaqghet nonostante l-opposizzjoni ta’ l-esponenti u nonostante li regghu gew indikati fl-atti l-ismijiet tal-werrieta odjerni, bir-rizultat li tali werrieta ghadhom sallum ma nghatawx ir-rimedju lilhom aggudikat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili;

**III. Nuqqas ta’ Smigh Xieraq fi Zmien Ragonevoli – Kostituzzjoni - 37(1)(b) u Konvenzjoni Eropea - 6(1)**

Illi l-istess vjolazzjoni ta’ l-artikolu 37(b) tal-Kostituzzjoni fuq deskritta taghti lok anke ghall-vjolazzjoni ta’ l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-Ewwel Skeda ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319 Ligijiet ta’ Malta, billi kien hemm lass ta’ aktar minn tletin sena sakemm ir-rikorrenti, u lanqas ir-rikorrenti kollha, ottjenew is-smigh li kellhom dritt ghalih, u dan apparti li tali smigh huwa limitat ghat-talbiet formulati mill-Kummissarju ta’ l-Art;

**IV. Nuqqas ta’ Smigh Xieraq gheluq Zmien Ragonevoli – Kostituzzjoni - 39, Konvenzjoni Ewropea - 6(1)**

Illi biex aktar taggrava s-sitwazzjoni ta’ l-esponenti, il-Bord qieghed jisma’ l-proceduri fuq imsemmija b’rata li tassigura li tali proceduri mhux ser jigu decizi fi zmien ragonevoli kif ghandhom dritt l-esponenti, wara li diga’ nkiser id-dritt taghhom illi l-proceduri jigu ntavolati fl-ewwel lok fi zmien ragonevoli.  Jigi precizat minn issa li ma hu qieghed jinghata l-ebda tort lill-Magistrat sedenti jew lill-membri teknici tal-Bord ta’ dan, izda esklussivament lill-intimati l-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali u lill-Kummissjoni dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja li huma responsabbli ghall-imposizzjoni fuq persuna wahda, il-Magistrat sedenti, ta’ ghadd ta’ dmirijiet inkluza r-responsabilita’ esklussiva ghall-Bord ta’ l-Arbitragg dwar Artijiet li ma huwiex regonevoli li jigu mposti fuq gudikant wiehed;

**V. Nuqqas ta’ Indipendenza u Imparzjalita’ tal-Bord ta’ l-Arbitragg – Kostituzzjoni - 37(1)(b) u 39, Konvenzjoni Ewropea - 6(1)**

Illi jigi ulterjorment rilevat illi l-Bord kif kompost mhuwiex idoneu sabiex jisma’ l-proceduri necessarji ai termini ta’ l-artikoli 37(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-raguni li l-membri tieghu ma jgawdux mill-garanziji ta’ indipendenza u imparzjalita’ li trid il-kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea; dan jinghad b’mod spejcali ghall-abbli membri teknici tal-Borg, illi jigu nominati mill-awtoritajiet kompetendi stess illi huma rapprezentati mill-Kummissarju ta’ l-Art u li ma ghandhom l-ebda sigurta’ fil-kariga taghhom;

**VI. Vjolazzjoni tad-Dritt ghal Kumpens li jkun Xieraq**

Illi kull decizjoni ta’ l-Onorabbli Bord tista’ biss tittiehed a bazi tal-kriterji vigenti in relazzjoni ma’ artijiet tal-kwalita’ ta’ l-art *de quo* fi zmien l-esproprju, u cjoe’ artijiet mhux zviluppabbli jew ahjar *frozen*, in konsegwenza ta’ l-azzjoni li kienet ittiehdet *a tempo vergine* mill-Gvern stess sabiex jassigura ruhu li ma jsir l-ebda zvilupp fl-artijiet in kwistjoni qabel ma jghaddi ghax-xiri taghhom; dan ifisser illi l-esercizzju tal-Bord li jasal ghall-fissazzjoni ta’ kumpens ragonevoli jinsab legalment stultifikat u impossibilitat *ab*

*initio*, billi l-azzjoni amministrattiva mehuda mill-Gvern stess u l-ligi ordinarja jimpedixxu li jigi stabbilit realistikament il-valur oggettiv ta' l-artijiet fi zmien id-dikjarazzjonijiet relattivi;

Illi dwar dan, il-Kostituzzjoni tipprovdi:

"Izda f'kazijiet specjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jaghmel fl-interess nazzjonali, b' ligi jistabbilixxi l-kriterji li ghandhom jitharsu maghduda l-fatturi u c-cirkostanzi l-ohra li ghandhom jitqiesu, biex jigi stabbilit il-kumpens li ghandu jithallas dwar proprjeta' li jittiehed pussess taghha jew li tigi akkwistata b' mod obbligatorju; u f' kull kaz bhal dak il-kumpens ghandu jigi iffissat u ghandu jithallas skond hekk."

Jigi sottomess illi dan ma huwiex kaz specjali, u li l-kriterji applikabbli huma ta' applikazzjoni generali, b'abbuz tad-disposizzjoni kostituzzjonali hawn fuq citata;

Illi ulterjorment, jigi wkoll rilevat illi l-fatt stess li l-valutazzjoni tirreferi ghall-valur ta' l-artijiet f'dak iz-zmien jerga' jikser id-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti, billi l-esproprju nnifsu ghadu ser isir u ghandu ghaldaqstant japplikaw ghalih il-valuri ta' l-artijiet in kwistjoni kif illum vigenti, flimkien ma' kumpens ghaz-zmien li dawn l-artijiet damu okkupati sa l-esproprju, u mhux il-valuri ta' zmien l-okkupazzjoni originali, in vista tal-qabza sproporzjonata fil-valuri relattivi; alternattivament, ghandhom l-esponenti jigu kkumpensati ghad-dewmien tal-process ta' espropju billi jittiehdu in konsiderazzjoni fil-valutazzjoni l-izvalutazzjoni tal-lira maltija u l-inflazzjoni tul iz-zmien, jew permezz ta' aggustament appositu jew permezz ta' l-ghoti ta' l-imghax legali mid-data tad-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali. Il-fatt li dan ma huwiex possibbli li jsir mil-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet isarraf fl-illegalita' ta' l-esproprju nnifsu u fin-nullita' u l-invalidita' legali ta' tali esproprju;

Ghalhekk ir-rikorrenti talbu li dina l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja:

Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif enunzjati fl-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;
Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif enunzjatli fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali u fl-artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm ma’ l-istess Konvenzjoni, inkorporati fl-Ewwel Skeda ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap 319 Ligijiet ta’ Malta;

Konsegwentement tiddikjara nulla u invalida fil-ligi l-operazzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali in kwantu tolqot l-artijiet imsemmija fl-ittra ufficjali tal-21 ta’ Frar 1969; u

Taghti kull rimedju iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez

Rat ir-risposta ta’ l-intimati fejn gie sottomess li huma jirrespingu t-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet li jigu spjegati fid-dettall waqt it-trattazzjoni tal-kawza jew jekk il-Qorti jidrilha f’risposta ulterjuri dettaljata. Din ir-risposta qed isir b’mod daqshekk skjett minhabba z-zmien qasir disponibbli ghar-risposta;

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati fejn gie eccepit:

1. Preliminarjament l-atturi iridu jgibu il-prova tat-titolu taghhom fuq l-artijiet illi dwarhom huma qeghdin jintavolaw dawn il-proceduri;

2. Preliminarjament ukoll illi l-Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali m’ huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet;

3. Illi l-esponenti se jirrispondu *seriatim* ghall-ilmenti mressqa mir-rikorrenti kif gej:

**(a) Kwantu ghall-ilment fis-sens illi l-esproprijazzjoni m’hijex fl-interess pubbliku:**

L-art de quo qeghda tintuza bhala parti mill-Port Hieles ta' Malta illi huwa manifestament progett fl-interess pubbliku illi jiggenera flus fl-ekonomija, jiffacilita l-kummerc, izid il-kompetittivita tal-pajjiz fil-qasam internazzjonali u johloq numru kbir ta' impiegi. Dan l-interess pubbliku fl-ezistenza tal-Port Hieles jezisti u jissussisti irrispettivament minn jekk l-istess Port Hieles jkunx gestit bhala korporazzjoni tal-Gvern jew bhala intrapriza gestita mill-privat;

Illi jidher illi l-kuncett ta' "interess pubbliku" avvanzat mir-rikorrenti huwa kuncett "pre-modern" bazat fuq xenarju fewdali fejn id-dritt tal-proprjeta kien rikonoxxut bhala dritt kwazi assolut irrispettivament mill-konsegwenzi illi dan kien ikollu fuq il-popolazzjoni. Fid-dinja ta' llum huwa impossibbli illi pajjiz jissopravvivi abbazi ta' tali kuncetti billi huwa car illi jekk is-sidien ta' l-artijiet jithallew jitolbu flus kemm iridu lil kull min ikollu l-intenzjoni jaghmel progett f' Malta, dan jispicca biex jitgerrex u l-ebda xoghol ma jigi generat u dan a spejjez u a skapitu tal-popolazzjoni in generali;

Dwar l-argument fis-sens illi l-esproprijazzjoni ghadha m'hijiex konkluza l-esponenti jissottomettu illi kieku kellu jigi accettat l-argument fis-sens illi l-uniku att ta' esproprijazzjoni huwa l-kuntratt finali, l-ligi kollha ta' l-esproprijazzjoni tigi reza minghajr ebda skop. Per ezempju x'gustifikazzjoni jibqa' ghall-irbit tal-prezz mad-data tad-dhul attwali fl-art? Huwa car illi l-esproprijazzjoni tal-proprjeta issir malli l-Kummissarju ta' l-Art, skond l-Artikolu 12 tal-Kap 88, jakkwista d-dritt illi jaghmel fl-art de quo dak kollu illi s-sid jista' jaghmel u illi wara dan il-mument dak kollu li jibqaghlu s-sid rigward esproprijata huwa d-dritt illi jikkontesta u li jithallas il-kumpens;
Is-sid pero ex lege ma jibqaghlu ebda drittijiet reali li huwa jista' jezercita fuq l-art u ghalhekk huwa car illi l-'esproprijazzjoni' tkun saret. Il-kuntratt finali huwa biss l-att illi jifformalizza t-trasferiment tal-art bil-hlas tal-kumpens lis-sid u bir-registrazzjoni fl-insinwa tat-trasferiment biex tali trasferiment ikollu effett ukoll versu t-terzi. Pero l-esproprijazzjoni 'inter partes' u cioe bejn il-Gvern u s-sidien ma ssirx mal-kuntratt izda ssir malli l-Gvern

jakkwista d-drittijiet kollha fuq l-art fit-termini tal-imsemmi artikolu 12 tal-Kap 88;

**(b) Kwantu ghall-ilment dwar "nuqqas ta' dritt ta' access quddiem awtorita gudizzjarja"**

Illi din il-lanjanza hija bazata fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u m'hijiex diskutibbli in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni illi jezenta mill-operat tal-Artikolu 37 l-Kap 88 kif kien fit-3 ta' Marzu 1962.

Illi pero, dak li qeghdin jsostnu r-rikorrenti huwa fi kwalunkwe kaz infondat ghax kull meta jkun hemm obbligazzjoni minghajr terminu, min ikun qieghed jippretendi l-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni jista jaccedi quddiem il-Qrati ghall-fissazzjoni ta' dak it-terminu kif, del resto, l-atturi fil-fatt ghamlu.

**(c) Kwantu ghan-nuqqas ta' smiegh xieraq taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.**

Dwar din il-lanjanza ghandu l-ewwelnett jigi sollevat illi skond l-Artikolu 7 tal-Att XIV tal-1987, *'Ebda ksur ta' drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali imwettqa qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dan l-Att".* Dan ifisser illi l-perijodu ta' bejn ll-1969 u t-30 ta' April 1987 certament m' huwiex diskutibbli taht il-Kap 319.

Illi di piu l-esponenti jaghmlu ukoll referenza ghal dak li gie sottomess aktar 'il-fuq f'din ir-risposta rigward il-facilita illi r-rikorrenti kellhom biex jaccedu ghall-Qrati sabiex din tiffissa terminu ghall-intavolar ta' l-azzjoni quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet liema facilita huma damu ma utilizzawha sal-1996.

Huwa ukoll rilevanti f dan ir-rigward il-fatt illi r-rikorrenti ma kienux ippruvaw it-titolu tahhom ghall-art in kwistjoni u baqghu ma ppruvawx dan it-titolu sa llum. Illi fil-fatt kien dan in-nuqqas da parti tar-rikorrenti illi wassal ghal dan id-dewmien. Ghad illi huwa minnu illi fis-sentenza tal-Prim

Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta’ Frar 2000 fl-ismijiet “Dr. Rene Frendo Randon et vs Kummissarju tal-Artijiet (Cit 2622/96 AJM) giet rikonoxxuta l-fakolta lir-rikorrenti illi ma jikkooperawx mal-esponent fir-ricerka tat-titolu, dan ma jfissirx illi din hija fakolta illi wiehed jista jipprevalixxi ruhhu minnha impunement. Certament illi persuna illi ma tkunx gabet il-prova tat-titolu taghha u illi tkun ghazlet illi thalli lill-Kummissarju tal-Artijiet jintilef f’matassa ta’ ricerki, ma tistax wara tilmenta mid-dewmien jew targumenta illi hija m’hijiex responsabbli minnu.

Illi dwar dan l-ilment huwa ukoll rilevanti illi fl-1995 id-Dipartiment tal-Artijiet kien gab avviz fil-gazzetti permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, fejn kulhadd inghata l-opportunita illi jqabbad lill-Avukat ta’ fiducja tieghu jahdem bil-provenjenzi ta’ proprjeta esproprijata a spejjez ta’ l-istess Dipartiment.  Illi anke f’ din l-okkazjoni r-rikorrenti jidher illi naqsu illi jaghmlu dan.

Dan il-‘*modus operandi’* da parti tar-rikorrenti huwa indikattiv ta’ animu ta’ tfixkil, ilprovokazzjoni ta’ incidenti u ta’ dewmien fil-process ta’ determinazzjoni ta’ kumpens, pjuttost milli ta’ intenzjoni illi din il-kwistjoni tigi konkluza.

**(d) Dwar l-ilment rigward “Nuqqas ta’ smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli”**

L-esponenti jissottomettu illi l-proceduri impunjati quddiem il-Bord ta’ Arbitragg dwar l-Artijiet ilhom pendenti biss mit-18 ta’ April 2000 u illi dawn il-proceduri qed jinstemghu attivament, qatt ma ntalbu differimenti mill-esponenti u minn dakinhar saru diga hames udjenzi.

Illi dawn il-fatti ma jipprezentaw ebda apparenza ta’ vjolazzjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq gheluq zmien ragjonevoli kif sancit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni li bl--artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**(e) Dwar l-ilment rigward l-allegata nuqqas ta’ indipendenza u imparzjalita tal-Bord ta’ Arbitragg dwar l-Artijiet**

Illi dwar dan l-ilment, l-esponenti qeghdin jissollevaw l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju fit-termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap 319, billi jekk ir-rikorrenti jidrilhom illi l-membri tal-Bord ma jgawdux l-indipendenza u l-imparzjalita necessarji skond il-ligi, dawn imisshom irrekuzawhom kif ghandhom kull dritt li jaghmlu.

Illi jigi sollevat ukoll d-dritt fondamentali huwa ghal smiegh xieraq minn tribunal (i) indipendenti u (ii) imparzjali (iii) imwaqqaf b' ligi.

Illi l-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet huwa imwaqqaf b'ligi (l-artikolu 23 tal-Kap 88), ma huwa soggett illi jiehu ordnijiet minn ghand hadd u huwa ghalhekk indipendenti, u huwa marbut bl-obbligi imposti fuq l-Imhallfin permezz ta' artikoli tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili dwar ir-rikuzi, inkluz l-obbligu tal-imparzjalita. L-imsemmi Bord huwa ukoll attwalment presjedut minn gudikant illi jgawdi l-protezzjoni kollha tal-Kostituzzjoni u kif jirrizulta mill-artikolu 24(3) tal-Kap 88 il-membri tal-Bord igawdu *'security of tenure'* ghall-perjodu ta' hatra taghhom.

Illi subordinatament huwa sottomess ukoll illi kull ma jaghmel il-Bord huwa illi jiffissa l-ammont ta' kumpens u illi din il-funzjoni ma tammontax ghad-*"determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili".*

**(f) Dwar l-allegata vjolazzjoni tad-dritt ghal kumpens li jkun xieraq**

Illi huwa car illi l-Gvern esproprija l-artijiet in kwistjoni fic-cirkostanzi illi dawn l-artijiet kienu fihom fl-1969. Il-fatt illi sar *'freezing'* tal-izvilupp fiz-zona fejn jinsabu dawn l-artijiet, kienet tikkostitwixxi mizura legali ta' kontroll ta' uzu ta' proprjeta fl-interess pubbliku illi l-Gvern kellu kull dritt li jaghmilha u illi kellu ukoll bilfors jaghmilha jekk huwa tasseww ried illi z-zona tigi zviluppata f'Port Hieles fuq medda ta' snin.

Illi l-kumpens offert lill-atturi huwa giust u xieraq tenut kont ta' x'ittiehed minn ghandhom fiz-zmien li ttiehed. Huwa

assolutament illogiku illi l-atturi igawdu minn awment fil-valur tal-proprjeta in kwistjoni li sar wara t-tehid u illi hafna minnu huwa ukoll dovut ghall-investiment pubbliku massicc illi sar fl-inhawi in kwistjoni.

Illi fuq dan il-punt l-esponenti jaghmlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tat-2 ta’ Novembru 2001 fl-ismijiet “JCR Limited vs kummissarju taI-Artijiet et” fejn gie deciz illi *“Il-valur tas-suq kellu bilfors jigi konsidrat u stabbilit b’ referenza ghal dik li kienet il-vera natura u kwalita tal-proprjeta fil-mument tal- akkwist* “.

Illi di piu, l-argument tar-rikorrenti fis-sens illi huwa ghandhom jiehdu l-valur talproprjeta illum jikkontradixxi l-argumenti taghhom fis-sens illi t-tehid ta’ l-istess artijiet jivvjola d-drittijiet fondamentali taghhom. Certament li r-rikorrenti ma jistghux min-naha jippretendu l-beneficcji ta’ socjeta fewdali li tippermettilhom drittijiet assoluti fuq il-proprjeta, u fl-istess hin jippretendu ukoll il-beneficcji ta’ socjeta industrijalizzata billi jiehdu l-beneficcju tal-investiment maghmul mill-Gvern fil-konverzjoni tal-inhawi f’zona portwali u mill-esproprijazzjonijiet l-ohra illi l-Gvern ghamel ghal dan l-iskop.

Illi fir-rigward ta’ dan l-ilment huwa ukoll sollevat illi l-Kap 88 jipprovdi ghall-hlas ta’ *‘danni’* kalkolati bil-hamsa fil-mija fis-sena fuq il-valur mid-data li fiha l-Gvern ikun ha l-art esproprijata sad data tal-hlas tal-kumpens.

Illi ghalhekk l-intimati opponew l-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat ir-replika tar-rikorrenti fejn gie sottomess:

1. Illi l-esponenti jixtiequ permezz tal-presenti nota jirreplikaw ghar-risposta ulterjuri ta’ l-intimati tal-25 ta’ Lulju 2002, u dan sabiex jigu nkwadrati l-kwistjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt involuti biex tigi ahjar istradata l-kawza;

**Dwar l-Eccezzjonijiet Preliminari Mressqa**

*a. Dwar il-Prova tat-Titolu ta’ l-Esponenti*

2. Illi wara l-ewwel eccezzjoni preliminari, l-esponenti jissottomettu umilment illi l-kwistjoni tal-prova tat-titolu ta' l-esponenti hija llum *res judicata,* b'riferenza ghas-sentenza mhux appellata fl-ismijiet *Dottor René Frendo Randon* et *vs Kummissarju ta' l-Artijiet,* Cit. Nru 2622/96 AJM; u dan anke billi fil-process relattiv dina l-Qorti ghandha ssib id-dokumentazzjoni kollha rilevanti. Fil-qosor, jigi ribadit kwantu kkonstatat mill-Prim'Awla f'dawk il-proceduri, u cioe' li ma hu veru xejn li lesponenti ostakolaw lill-Kummissarju ta' l-Art fil-mansjonijiet tieghu, izda li kien l-istess Kummissarju ta' l-Art illi sistematikament kien itawwal kull decizjoni sakemm ikun hemm xi mewt ohra fil-famiija (billi trattasi ta' familja kbira), b'mod illi l-process ta' certifikati tal-mewt, denunzji, ricerki ecc kien ikollu jerga' jibda kull darba mill-bidu;

3. Illi jigi mfakkar ukoll illi l-Prim'Awla ddikjarat awtorevolment illi l-Kummissarju ta' l-Art dejjem ghandu l-ghazla li jiddikjara ruhu mhux sodisfatt mill-provenjenza tat-titolu u li jipprocedi kontra kuraturi ghas-sidien jew eredi mhux maghrufa, haga li kienet taghti lill-esponenti access quddiem Tribunal skond ma titlob il-Kostituzzjoni sabiex jippruvaw fis-sedi opportuna t-titolu taghhom, jew billi jitolbu li jassumu l-atti quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet u jgibu l-prova li jidhirlu necessarja l-Bord, jew fl-istadju tat-talba ghall-izbank tal-flejjes depositati eventwalment f'isem il-kuraturi. Hija haga ovvja pero' li l-Kummissarju ta' l-Art qatt ma ghadnu interess jghaggel proceduri simili ta' kumpens, ghalkemm huwa obbligu legali tieghu li jaghmel dan;

4. Illi minghajr pregudizzju pero' l-esponenti jissottomettu umilment illi jekk dina l-Qorti jidhrilha li ghandha taqbel ma' l-eccezzjoni ta' l-intimati, allura jkun opportun illi tinghata sentenza parzjali f'dan is-sens, sabiex l-esponenti jkollhom l-opportunita' li jirregolaw ruhhom u *occorrendo* jergghu jaghmlu l-prova tat-titolu taghhom. Rigward il-prova nnifisha, l-esponenti f'dan l-istadju jillimitaw ruhhom li jitolbu l-annessjoni tal-process tal-kawza fl-ismijiet fuq citati, li hija necessarja sija in kwantu

tikkoncerna l-provi prodotti f'dawk l-atti, u sija in vista tas-sentenza moghtija;

**b. Dwar l-interess tal-Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali**

5. Illi b'riferenza ghat-tieni eccezzjoni preliminari ta' l-intimati, jigi rilevat illi sija l-Ministru msemmi u sija l-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja gew imharrka ghal kull interess li jista' jkollhom esklussivament in relazzjoni mar-raba' lment kostituzzjonali, kap (IV) tar-rikors promotur, ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess kap. L-esponenti jaghmlu riferenza ghall-kap citat, u jissottomettu li l-interess ta' l-awtoritajiet imharrka fit-talbiet li jikkoncernaw il-kap (IV) huwa ovvju u manifest;

**Dwar l-Element ta' l-Interess Pubbliku Nazzjonali**

6. Illi l-intimati qeghdin isostnu li l-Gvern ta' Malta esproprja l-artijiet *de quo* flinteress nazzjonali, indipendentement minn kwalsiasi privatizzazzjoni sussegwenti, u li anke kieku stess il-progett kien intiz sa mill-bidu nett sabiex jigi gestit mill-privat, xorta kien jibqa' progett li tfassal fl-interess nazzjonali. Apparti l-fatt li l-esponenti qeghdin jissottomettu li l-esproprju ghadu ma sehhx, billi sa issa ghadda l-pussess ta' l-artijiet *de quo* izda mhux it-titolu taghhom, l-esponenti qeghdin javvanzaw zewg argumenti kontra s-sottomissjonijiet ta' l-intimati. L-ewwel argument huwa li l-intenzjoni dikjarata tal-Gvern illi jipprivatizza l-progett in kwistjoni tammonta ghal ammissjoni tal-fatt illi l-progett seta' sa mill-bidu nett tieghu jigi afdat f'idejn il-privat u li dan ma sarx esklussivament minhabba l-politika ekonomika mhaddna miz-zewg partiti politici ewlenin fiz-zmien li fih gie koncepit il-Port Hieles;

L-esponenti jissottomettu li, ladarba huwa ammess li Port Hieles jista' jigi gestit mill-privat, il-Gvern seta' jissodisfa l-interess nazzjonali billi jillicenzja sa mill-bidu lis-settur privat sabiex iwaqqaf il-Port Hieles (billi jixtri l-art necessarja fuq is-suq u jaghmel l-izviluppi kollha infrastrutturali li ghamlet il-Freeport Corporation u billi

jillimita r-rwol tieghu ghal rwol ta’ licenzjar u ta’ supervizjoni tal-kundizzjonijiet tal-licenzjar. Hekk per ezempju huwa fl-interess pubbliku li jkun hawn il-pompi tal-petrol, izda l-Gvern ma jesproprjax l-art ghall-pompi tal-petrol u mbaghad ibieghhom lill-privat; ihalli f’idejn il-privat li jixtri l-art necessarja u li jottjeni l-permessi necessarji ta’ l-izvilupp u jillimita ruhu ghal ezercizzju ta’ ghoti u supervizjoni ta’ licenzji. Kieku l-Gvern agixxa b’dan il-mod il-predecessuri fit-titolu ta’ l-esponent kien ikollhom il-fakolta’ li jinnegozjaw il-prezz tal-artijiet taghhom skond il-valur taghhom fuq is-suq, u ghaldaqstant il-pregudizzju li sofrew l-esponenti ma kienx necessarju fl-interess nazzjonati, billi l-esponenti ma ghandhomx isofru talli l-Gvern ghogbu jipprocedi kif ipproceda skond politika ekonomika illum superata;

7. Illi minghajr pregudizzju, din il-Qorti tista’ madanakollu jidhrilha li ma kienx ikun fattibbli li l-Port Hieles jitwaqqaf b’dan il-mod; jista’ din il-Qorti jidhrilha per ezempju li l-art necessarja u idonea ghal progett simili mhijiex sufficjentement disponibbli fis-suq biex ikun hemm negozjazzjoni libera fuq is-suq; jista’ addirittura din il-Qorti jidhrilha li progett simili seta’ biss isir fejn fil-fatt sar u li kieku s-sidien ta’ l-artijiet thallew jezercitaw id-drittijiet proprjetarji taghhom b’mod liberu setghu jaghzlu li ma jbieghux u li kwindi l-progett lanqas kien ikun jista’ jitwettaq mill-privat. Ghalkemm l-esponenti ma jaqblux ma’ dan l-argument, jammettu l-legittimita’ tieghu izda jghaddu ghat-tieni argument taghhom: jista’ wiehed jargumenta illi l-fatt li progett ikun fl-interess nazzjonali jaghti d-dritt lill-Gvern li jispekula fuqu u li jbieghu lill-ahjar offerent bi qligh purament kummercjali u li jmur oltre l-ispejjez li jkun ghamel l-istess Gvern (inkluzi l-ispejjez konnessi ma’ l-esproprju li ghadu ma sehhx)?

L-esponenti jissottomettu li jekk stess dina l-Qorti jidhrilha li t-tehid tal-pussess ta’ l-artijiet *de quo* sar fl-interess personali, xejn ma josta ghall-istess Qorti li ssib li l-ezercizzju tal-Gvern fl-assjem tieghu kien fih elementi gustifikati u elementi mhux gustifikati u lezivi tad-drittijiet ta’ l-esponenti; l-esponenti jissottomettu li anke jekk stess il-progett kien gustifikat safejn kien necessarju ghat-

twaqqif tal-Port Hieles, il-progett mhuwiex gustifikat safejn ittramuta ruhu fi spekulazzjoni purament kummercjali fuq dahar l-esponenti. Jekk il-Qorti taqbel ma’ dan, il-problema sussegwenti tkun jekk tistax il-Qorti f’sitwazzjoni simili tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; l-esponenti jissottomettu li tista’, izda li jekk dan ma jidhrilhiex gustifikat, il-Qorti dejjem tista’ taghti rimedju alternattiv billi tordna li l-esponenti jigu kkumpensati b’mod kommensurat ghall-element ta’ qliegh u ta’ spekulazzjoni inerenti ghall-process ta’ privattizzazzjoni, b’mod illi l-kumpens jigi kkalkulat proporzjonatament in relazzjoni mal-qliegh li l-Gvern ser jaghmel mill-process ta’ privatizzazzjoni;

8. Illi ghall-finijiet ta’ l-estradazzjoni tal-kawza, l-esponenti jiddikjaraw illi in konnessjoni ma’ dan il-kap, il-provi taghhom ser jikkonsistu fix-xhieda tal-ministri u/jew segretarji parlamentarji responsabbli u tar-rapprezentanti tad-dipartimenti, agenziji jew korporazzjonijiet statali involuti fil-process ta’ privatizzazzjoni, inkluza ovvjament l-istess Freeport Corporation;

**Dwar in-Nuqqas ta’ Dritt ta’ Access quddiem Awtorita’ Gudizzjarja**

9. Illi l-ewwelnett l-esponenti jiddeploraw il-mod kif l-intimati manifestament ippruvaw jizvijaw lil dina l-Onorabbli Qorti permezz tar-riferenza taghhom ghall-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni. L-ilment rilevanti huwa bbazat fuq l-artikolu 37(1)(b) li jaqra kif gej:

Protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjeta’ bla kumpens:

37 (1) - Ebda proprjeta’ ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b’mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta’ ta’ kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b’mod obbligatorju, hlief meta hemm disposizzjoni ta’ ligi applikabbli ghal dak it-tehid ta’ pussess jew akkwist -

ghall-hlas ta’ kumpens xieraq;

li tizgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta’ access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b’ligi sabiex jigi deciz l-interess taghha fi jew dritt fuq il-proprjeta’ u l-ammont ta’ kull kumpens li ghalih tista’ tkun intitolata, hlas ta’ dak il-kumpens;

Ii ghandu jinqara flimkien mad-dispost ta’ l-artikolu 47(9)(d):

(9) Ebda haga fl-artikolu 37 ta’ din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta’ xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta’ Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnuflh qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f’dan is-subartikolu) u li ma -

(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (*b)* jew paragrafu (c) ta’ l-artikolu 37(1) ta’ din il-Kostituzzjoni.

10. Illi indipendentement mill-argumenti li ser jitressqu dwar l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 47(9) in konnessjoni ma’ l-artikolu 37(1)(a), l-artikolu 47(9) zgur li ma jista’ jkollu l-ebda rilevanza in konnessjoni ma’ lmenti taht l-artikolu 37(1)(b) u (c) in virtu’ ta’ l-eccezzjoni espressa kontenuta fl-artikolu 47(9)(d) fuq citat, u ghandha ghaldaqstant tigi evitata kull riferenza ghall-artikolu 47(9) in konnessjoni ma’ l-ilmenti kontenuti fil-kapi (II), (III) u (V) tar-rikors promotur;

11. Illi in konnessjoni ma’ l-istess ilment, l-intimati ssottomettew illi l-esponenti kellhom rimedju ordinarju billi kellhom id-dritt, dritt illi eventwalment gie ezercitat, illi jadixxu lill-Qrati ordinarji sabiex jigi ffissat terminu sabiex il-Kummissarju ta’ l-Art jesegwixxi l-obbligi tieghu. Dwar tali sottomissjoni ser issir riferenza u analizi aktar il-quddiem ghal gurisprudenza sija nostrana u sija Ewropeja fis-sens illi d-dritt li wiehed jottjeni access ghal awtorita’ gudizzjarja billi jitlob lill-Qrati sabiex ikunu huma li jordnaw lill-Gvern sabiex jistitwixxi proceduri huwa dritt

straordinarju u li jikkonferma l-fatt illi ma jkun jezisti l-ebda dritt ta’ access dirett ordinarju;

Dan apparti l-fatt illi fl-ordinament taghna ma jezisti l-ebda mezz, ghall-kuntrarju ta’ dak li ssottomettew l-intimati, li permezz tieghu sentenza simili tista’ tigi nfurzata ordinarjament permezz ta’ mandati f’kaz illi l-Gvern ma jobdix sentenza moghtija kontra tieghu (kif fil-fatt ghamel fir-rigward ta’ l-artijiet elenkati fir-Rikors Numru 18/2002);

**Dwar Nuqqas ta’ Smigh Xieraq taht il-Konvenzjoni Ewropea**

12. Illi dwar din il-lanjanza, l-intimati eccepew:

(i) illi l-perjodu ta’ bejn l-1969 u t-30 ta’ April 1987 mhuwiex diskutibbli; l-esponenti jaqblu dwar dan illi, limitatament ghar-rimedji disponibbli taht il-Konvenzjoni Ewropea, il-lanjanza taghhom tirreferi ghall-hmistax-il sena u fuqhom illi ddekorrew bejn April ta’ l-1987 u llum;

(ii) illi l-esponenti dejjem kellhom ir-rimedju li jitolbu l-iffissar ta’ terminu ghall-esekuzzjoni ta’ l-obbligi tal-Kummissarju ta’ l-Art; hawnhekk l-esponenti jirreferu ghal kwantu sottomess supra, para. 11;

(iii) illi kienu l-esponenti stess illi ostakolaw il-kors tal-proceduri; dan huwa michud, u anzi kien il-Kummissarju intimat illi tul is-snin dejjem wera animu ta’ tfixkil u ta’ ostakolazzjoni burokratika; hawn issir riferenza ghal kwantu sottomess supra, para. 2 sa 4;

**Dwar in-Nuqqas ta’ Smigh Gheluq Zmien Ragonevoli**

13. Illi n konnessjoni ma’ dan l-ilment, l-esponenti jirreferu ghal kwantu dikjarat ufficjalment mill-Ministeru ghall-Gustizzja fl-ahhar rapport dwar il-Funzjonament tal-Qrati b’riferenza partikolari ghall-funzjonament tal-Bord ta’ Arbitragg dwar Artijiet. Kull kumment iehor ikun zejjed;

**Dwar in-Nuqqas ta’ Indipendenza u Imparzjalita’ tal-Bord ta’ Arbitragg**

14. Illi dwar din il-lanjanza, l-intimati eccepew:

(i) illi l-esponenti kellhom rimedju ordinarju, billi setghu jitolbu r-rikuza talmembri tal-Bord li ma jgawdux l-indipendenza u l-imparzjalita' skond il-ligi; argument frankament ridikolu, billi r-ragunijiet migjuba mir-rikorrenti jirreferu ghall-membri kollha li qatt iffurmaw parti mill-Bord, u billi tali ragunijiet ma jiffurmawx bazi ghar-rikuza ordinarja;

(ii) illi *s-security of tenure* tal-membri tal-Bord ta' Arbitragg dwar l-Artijiet hija garantita ghall-perjodu tal-hatra taghhom; jigi mfakkar illi l-lanjanza ta' l-esponenti hija proprju li l-Gvern qieghed izomm id-dritt li jerga' jappunta jew ma jappuntax membri tal-Bord wara t-tmiem tal-perjodu tal-hatra taghhom skond kif ikunu kkomportaw ruhhom, u dan fi proceduri fejn il-Gvern stess dejjem ikun wiehed mill-partijiet b'interess finanzjatju dirett;

(iii) illi d-determinazzjoni ta' dritt ghal kumpens ma jammontax ghal "determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili"; eccezzjoni li ma timmerita l-ebda replika, anke in vista ta' gurisprudenza fuq dan il-punt twila u unanima, nostrana u Ewropea, illi l-intimati ghazlu li jinjoraw;

**Dwar il-Vjolazzjoni tad-Dritt ghal Kumpens Xieraq**

15  Illi dwar din il-lanjanza, l-intimati eccepew:

(i) Illi l-Gvern esproprja l-artijiet *de quo* fl-1969 u li kellu kull dritt illi "jiffriza" l-izvilupp fl-area sabiex jizviluppa l-Port Hieles; jigi sottomess illi l-esproprjazzjoni ghadha ma sehhitx, u li hemm differenza bejn art agrikola li mhijiex zviluppabbli ghaliex l-awtoritajiet ikkoncernati ma jippermettux zvilupp ghal ragunijiet ta' pjanar u art li ma tkunx zviluppabbli mill-privat ghaliex il-Gvern ikun irid jizviluppaha hu u jkun irid ihallas kumpens a bazi tar-rati stabbiliti ghal art agrikola;

(ii) illi l-kumpens irid jirreferi ghall-valur ta' l-art fi zmien l-esproprju u ma jistax jiehu in konsiderazzjoni l-

investimenti li ghamel il-Gvern ghall-izviiupp ta' l-art; jigi sottomess mill-gdid illi l-esproprju ghadu ma sehhx, u li jekk il-Gvern ghogbu jinvesti f'art li kienet ghadha mhux tieghu, dan ghamlu minn rajh. Minghajr pregudizzju, pero', jerga' jigi sottomess illi dina l-Qorti dejjem ghandha d-diskrezzjoni li tikkumpensa lill-esponenti proporzjonatament skond il-valur ta' l-artijiet *de quo* mal-qligh purament kummercjali li l-Gvern ser jaghmel minn fuq il-privatizzazzjoni tal-Port Hieles;

(iii) Illi kull sottomissjoni rigward kumpens jikkontradici t-talba ghall-annullament tat-tehid ta' l-artijiet *de quo;* legalment jigi sottomess illi ma hemm l-ebda kontradizzjoni, billi dina l-Qorti tista' tilqa' lanjanza u tichad orha, u billi l-Qorti ghandha l-fakolta' li taghti kull rimedju li jidhrilha opportun, u ghaldaqstant l-esponenti ghandhom kull dritt li jaghmlu sottomissjonijiet dwar il-lanjanzi individwali taghhom minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet taghhom rigward lanjanzi ohra, kif ukoll jistghu jaghmlu sottomissjonijiet rigward id-diversi rimedji li jistghu jinghataw minghajr pregudizzju ghar-rimedju li qieghed jintalab in linea principali;

Illi l-Kap.88 jipprovdi ghall-hlas ta' kumpens addizzjonali kkalkolat fir-rata ta' 5% fis-sena fuq il-valur tal-kumpens kapitali mid-data li fiha l-Gvern ikun ha l-art esproprjata sad-data tal-hlas tal-kumpens; hawnhekk il-Qorti trid tara jekk 5% huwiex bizzejjed tenut kont ta' l-inflazzjoni fil-valur ta' l-art mill-1969 sallum, u tenut kont tal-fatt illi hemm diskriminazzjoni bejn ir-rata li jhallas il-Gvern, ir-rata ta' imghax legali ordinarjament esigibbli ta' 8% fis-sena, u r-rata ta' 12% (aktar mid-doppju tar-rata proposta) li japplika l-Gvern permezz ta' diversi ligijiet *ad hoc* fejn ikun il-privat li jkun debitur tal-Gvern f' kuntesti fiskali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2002 minn fejn jirrizulta li l-meritu tal-presenti rikors hu simili ghall-meritu tar-rikors numru 18/02 u qabblu li l-provi kollha li jsiru fl-imsemmi rikors l-iehor ghandhom jitqiesu li nghataw "viva voce" f'dan il-presenti rikors;

Rat li l-presenti kawza tmexxiet flimkien mal-imsemmi rikors numru 18/02 u ghalhekk il-provi u s-sottomissjonijiet kollha li saru fi procedura wahda japplikaw ghal procedura l-ohra;

Semghet ix-xhieda prodotti mir-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Marzu 2004 li bih gie nominat bhala perit tekniku l-AIC Godwin Abela sabiex jezamina il-pjanti esibiti fil-kors ta' dawn il-proceduri u jirrelata bil-miktub dwar l-uzu li qed isir mill-plots kontrasenjati bin-numru 2, 3, 41 u 53 fil-pjanti esibiti a fol-63 u dana bil-fakoltajiet kollha soliti. L-imsemmija plots huma kemm dawk il-bicctejn art li huma mertu ta' dawn il-proceduri, kif ukoll dawk l-artijiet li huma l-meritu tal-imsemmi rikors numru 18/02;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta Mejju 2004 li bih gie nominat Peter Caruana bhala "surveyor" biex jassisti lill-perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-abbli perit tekniku debitament konfermat bil-gurament fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2004 u l-verbali tas-seduti u accessi minnu mizmuma;

Rat l-affidavit ta' Rinaldo Portelli presentat mill-intimati;

Rat in-nota tar-rikorrenti tal-15 ta' Dicembru 2006 li biha l-istess rikorrenti cedew l-atti tar-rikors biss fil-konfront tal-intimati Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizja;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensur tar-rikorrenti;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007 fil-kawza fl-ismijiet "Agnes Gera de Petri Tetaferrata Bonici Ghaxaq vs l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet", li kopja taghha giet esibita mir-rikorrenti fl-atti tal-presenti rikors;

Rat in-nota responsiva tal-intimati ghat-trattazzjoni orali tad-difensur tar-rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tar-rikors numru 18/02 liema rikors gie trattat konguntament mal-presenti rikors;

Rat l-atti tal-kawza numru 2622/96 AJM fl-ismijiet “Dr. Rene’ Frendo Randon et vs Kummissarju tal-Artijiet” deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Frar 2000 u liema atti gew annessi mal-imsemmi rikors numru 18/02;

Rat li r-rikors gie differit sabiex tinghata s-sentenza;

Ikkonsidrat:

Fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li r-rikorrenti bl-imsemmija nota taghhom tal-15 ta’ Dicembru 2006 cedew l-atti tar-rikors, pero’ biss fil-konfront tal-intimati Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizja. Ghalhekk jifdal li l-kawza tigi deciza fil-konfront tar-rimanenti intimati u cioe’ l-Kummissarju ta’ l-Art, l-Avukat Generali u l-Onorevoli Ministru responsabbli ghall-Gustizzja u Gvern Lokali;

**Rizultanzi**

Jirrizulta li b’dikjarazzjoni tat-13 ta’ Frar 1969, il-Gvernatur-Generali ddikjara li zewg bicciet art fil-Kalafrana, Benghajsa limiti ta’ Birzebbugia, li kienu proprjeta tar-rikorrenti jew l-awturi taghhom, kienu mehtiega mill-awtoritajiet kompetenti ghal skop pubbliku u dana ai termini tal-provedimenti tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta. Gie dikjarat li l-istess zewg bicciet art kienu mehtiega ghal skopijiet pubblici u li l-akkwist relattiv kellu jsir b’xiri assolut. Jirrizulta inoltre li l-intimat Kummissarju ta’ l-Art informa ufficjalment lir-rikorrenti, jew l-awturi taghhom, li l-kumpens li kien qed jigi offert ghax-xiri assolut tal-imsemmija bicctejn art kien rispettivament ta’ hames mija, hamsa u sebghin lira maltin (Lm575) u elf, mija u sebgha u ghoxrin lira maltin (Lm1127). B’ittra ufficjali tal-10 ta’ Marzu 1969, ir-rikorrenti rrifjutaw il-kumpens offert u dana ghar-ragunijiet kontenuti fl-istess ittra ufficjali;

L-imsemmi intimat Kummissarju tal-Artijiet naqas li jipprocedi, skond kif titlob il-ligi, quddiem il-Bord kmpetenti, cioe' l-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet, sabiex l-istess Bord, fost affarijiet ohra, jiffissa l-kumpens xireaq dovut. Fil-frattemp l-imsemmija bictejn art gew mghoddija lill-Malta Freeport Corporation. Fil-1989 beda jsehh l-Att dwar il-Portijiet Hielsa (Kap 334), u l-bicctejn art in kwestjoni saru jiffurmaw parti miz-zona ta' Port Hieles. Jirrizulta ukoll li r-rikorrenti nterpellaw diversi drabi, anke ufficjalment, lill-Kummissarju ta' l-Art sabiex jintavola l-imsemmija proceduri quddiem l-imsemmi Bord. L-istess intimat, pero', naqas milli jibda l-imsemmija proceduri u ghalhekk ir-rikorrenti intavolaw proceduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi ffissat terminu li fih l-istess intimat kellu jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti. ("Dottor Rene' Frendo Randon et vs Kummissarju ta' l-Artijiet" - citazzjoni numru 2622/96 AJM). Din l-ahhar kawza giet deciza fl-4 ta' Frar 2000 u dan billi gie ffissat terminu li fih l-imsemmi intimat kellu jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti skond il-ligi. Il-Qorti qalet ukoll li l-Kummissarju ta' l-Art kellu d-dmir li jipprocedi fil-konfront tas-sidien kollha u jekk kien hemm xi sidien mhux mgharufa jew incerti huwa seta dejjem jitlob il-hatra ta' kuraturi deputati biex jirrappresentaw lil tali sidien;

Eventwalment il-Kummissarju tal-Artijiet ipproceda quddiem il-Bord kompetenti permezz ta' rikors presentat fit-18 ta' April 2000. Dawn il-proceduri kienu ghadhom pendenti almenu meta gew presentati l-presenti proceduri. Jirrizulta inoltre li fil-frattemp il-Port Hieles gie privatizzat u l-gestjonmi tieghu ghaddiet mill-Gvren ghal ghand socjeta' kummercjali;

**It-talbiet tar-rikorrenti**

A bazi tal-imsemmija rizultanzi u ta' dak kollu li r-rikorrenti ppremettew fir-rikors promotur, l-istess rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat li gew lezi d-drittijiet fundamentali taghhom kif enunzjati fl-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif enunzjati ukoll fl-artikolu 6(1) u fl-artikolu 1 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali (Kap 319 tal-Ligijiet

ta' Malta). Qed jitolbu ukoll li tigi dikjarata nulla u invalida fil-ligi l-operazzjoni tal-imsemmija dikjarazzjoni tal-Gvernatur-Generali u qed jitolbu li jigi mghoti lilhom kull rimedju xieraq u opportun;

**L-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati**

L-intimati fir-risposta taghhom jeccepixxu preliminarjament, fl-ewwel lok, li r-rikorrenti ghandhom jipprovaw it-titolu taghhom fuq l-artijiet de quo u, fit-tieni lok, li l-Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Kwantu ghall-imsemmija l-ewwel eccezzjoni preliminari, f'dawn il-proceduri u f'dan l-istadju, l-prova dwar it-titolu da parti tar-rikorrenti mhux prettament neceessarja. Huma kkonfermaw fir-rikors promotur li huma s-sidien tal-artijiet de quo. Huma semmai l-intimati, jekk ghandhom xi dubju, li jipprovaw li r-rikorrenti mhux is-sidien tal-istess artijiet. Del resto f'azzjoni bhal din in esami m'hemmx ghalfejn li ssir mis-sidien kollha. Huma r-rikorrenti li qed jippretendu li gew lesi d-drittijiet fundamentali taghhom. Huma dawn il-pretensjonijiet li ser jigu decizi u dana biss fil-konfront tal-istess rikorrenti. Inoltre jekk l-intimat kellu xi dubji dwar xi sidien li kienu jew mhux mgharufa jew incerti, fil-proceduri quddiem il-Bord kompetenti, huwa seta jgixxi kontra kuraturi nomnati appositament u dana kif irriteniet din il-Qorti (diversament presjeduta) fi proceduri ohra li kienu pero' b'xi mod konnessi mal-mertu tal-presenti proceduri;

Ghalhekk din l-eccezzjoni preliminari m'ghandix tigi akkolta u konsegwentement qed tigi michuda;

Kwantu ghall-imsemmija eccezzjoni preliminari l-ohra r-rikorrenti ddikjaraw li huma qed jgixxu ukoll kontra l-imsemmi ministru biss in relazzjoni mal-ilment taghhom dwar id-dewmien tal-proceduri quddiem il-Bord kompetenti. Hu ovvju li l-ministru in kwestjoni m'ghandu l-ebda resposabilita' f'dan ir-rigward anke jekk in effett jirrizulta li veru li hemm dan id-dewmien. Il-ministru, skond il-ligi, ma jista jghamel xejn f'dan ir-rigward. Skond il-ligi l-legittimi kntraditturi f'dawn il-proceduri huma appuntu l-

Kummissarju tal-Art, li kien responsabbli ghall-hafna mill-fatti u proceduri li qed jilmentaw minnhom ir-rikorrenti. Hu ukoll kontradittur legittimu l-Avukat Generali. Skond il-ligi, proceduri bhal dawn in esami ghandhom jigu indirizzati appuntu kontra l-Avukat Generali jekk m'hemmx Dipartiment tal-Gvern li jista jkun identifikat bhala koncernat fi proceduri bhal dawn in esami;

In vista ta' dan kollu din l-eccezzjoni qed tigi akkolta u konsegwentement l-intmat Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja u Gvern Lokali qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

**L-ilmenti kostituzzjonali tar-rikorrenti, r-risposti tal-intimati u l-konsiderazzjonijiet legali tal-Qorti**

Ghal finijiet tal-imsemmija talbiet taghhom, ir-rikorrenti jallegaw li huma sofrew diversi lezjonijiet tad-drittijiet fundamentali taghhom kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, cioe' l-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Dawn l-ilmenti tar-rikorrenti ser jigu esaminati wiehed wiehed flimkien mas-sottomissjonijiet relattivi tal-intimati. Wara l-esami ta' kull ilment u ir-risposta relattiva, l-Qorti ser tghaddi biex thamel il-konsiderazzjonijiet taghha u tghati d-decizjoni rellattiva. F'dawn il-konsiderazzjonijiet ser jinghataw ukoll rilevanza, fejn hu hekk opportun, lill replika u trattazzzjoni orali tar-rkorrenti u n-nota responiva ta' osservazzjoni tal-intimati. Irid jigi notat li l-imsemmija replika tar-rikorrenti fiha hafna ripetizzjonijiet ta' dak li gie sottomess fir-rikors promotur. Dan zgur ma jghinx fl-andament naturali u spedit li hu fondamentali fi process bhal dan. In effett din ir-replika setghet giet ridotta fit-tul taghha b'mod drastiku;

**Esproprjazzjoni li mhijiex fl-Interess Pubbliku**

**Fl-ewwel lok** ir-rtikorrenmti jilmentaw li l-esproprjazzjoni in kwestjoni ma saritx fl-"interess pubbliku" kif trid il-ligi, kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni. Ir-rikorrenti jissottomettu li in vista tal-iskema ta' privatizazzjoni tal-

Port Hieles (illum tali privatizazzjoni sehhet) l-esproprjazzjoni in kwestjoni giet ridotta ghal esercizzju ta' spekulazzjoni kummercjali u ta' edilizzja. L-uzu materjali tal-artijiet in kwistjoni ghadda f'idejn il-privat ghal skopijiet purament kummercjali, u f'dan il-process il-Gvern ta' Malta u l-Freeport Corporation ghamlu qligh sostanzjali. Ghalhekk, skond ir-rikorrenti, l-element ta' l-"interess pubbliku" gie nieqes;

Dwar **dan l-ewwel ilment** l-intimati rrispondew li l-bictejn art in kwestjoni qed jintuzaw bhala parti mill-Port Hieles ta' Malta. Dan hu progett manifestament fl-interess pubbliku, li jiggenera l-ekonomija, jiffacilita l-kummerc, izid il-kompetittivita tal-pajjiz u johloq numru kbir ta' impiegi. Dan kollu irrispettivament jekk il-Port Hieles hu gestit mill--Gvern jew minn intrapriza privata. L-intimati jissottomettu li dak li qed isostnu r-rikorrenti, li l-esproprijazzjoni ghadha m'hijiex konkluza, mhux sostenibbli. Skond l-intimati l-kuntratt ma jistx jitqies li hu l-att finali li jikkonkludi l-espropju. Jekk hu hekk l-esproprijazzjoni tigi reza minghajr ebda skop. Skond l-intimati u skond il-ligi, l-esproprijazzjoni tal-proprjeta tkun kompleta meta l-Kummissarju ta' l-Art jakkwista d-dritt li jaghmel mill-art esproprjata dak kollu illi jista jghamel s-sid. Wara dan, l-uniku dritt li jibqalu s-sid hu d-dritt li jircievi kumpens. Skond l-intimati l-kuntratt finali huwa biss l-att illi jifformalizza t-trasferiment tal-art b'mod partikolari fil-konfront ta' terzi;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Din is-sottomissjoni tar-rikorrenti mhux sostenibbli. Ma hemmx dubju li l-esproprjazzjoni in kwestjoni saret fl-"interess pubbliku." L-artijiet esproprjati in parte huma inkluzi fil-progett tal-Port Hieles u l-Qorti m'ghandiex dubju li tali progett hu fl-interess pubbliku u fl-interess nazzjonali;

Il-Port hieles hu importanti ghall-ekonomija tal-pajjiz, peress li jipprovdi xoghol, igib lejn Malta valuta barranija, jzid fil-kompetitivita' tal-pajjiz, jigu provduti diversi sevizzi da parti ta' terzi lill-Port Hieles, oltre hafna beneficci ohra li

mhux il-kaz li jigu kollha elenkati. Dan hu fatt li hu ben mghruf minn kullhadd oltre li jirrizulta ukoll mill-provi prodotti b'mod partikolari minn dak li qalu s-Senior Manager fil-Freeport u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Investiment, Industrija u Teknologija Informatika, li gew prodotti bhala xhieda;

Meta gew presentati dawn il-proceduri l-Gvern tal-gurnata kien indika b'mod car li ried jipprivatizza l-Port Hieles. In effett, fil-mori tal-kawza l-Port Hieles gie privatizzat u issa l-istess qed jigi gestit minn socjeta' privata. Il-Gvern ghadda b'kera, ghal zmien limitat, l-art tal-Port Hieles lis-socjeta' li issa qed tiggestih u dana ovvjament bil-kondizzjoni ta' hlas ta' kera annwali, li jista jigi definit bhal hlas 'sostanzjali', u inoltre din il-kera tizdied periodikament.  Ma hemm xejn jirregolari li l-Gvern ghandu introjtu mill-privatizzazzjoni tal-Port Hieles. Dan l-intojtu finalment ser jkun ta' beneficcju ghal-komunita' in generali. Inoltre l-Gvern ghandu dhul iehor minn dan il-progett fil-forma ta' varji taxxi. Qabel ma gie privatizzat, il-Port Hieles kien gestit mill-Gvern u dan ghal zmien pjuttost twil. Meta kien gestit mill-Gvern il-progett gie zviluppat fuq medda ta' diversi snin u inoltre sar investiment sostanzjali konsistenti principalment f'bini, makkinarju u armar, kif ukoll f'risorsi umani. Kienet il-politika dikjarata tal-Gvern ta' dak iz-zmien li jigu privatizzati diversi progetti u azzjendi li setghu kienu ukoll ta natura kummercjali. Tenut kont ta' dawn il-fatti kollha ma jistax jinghad li l-privatizzazzjoni tal-Port Hieles irrendiet ruhha bhala operazzjoni ta' spekulazzjoni kummercjali u edilizja, kif qed isostnu r-rikorrenti;

Fi kwalunkwe kaz il-mument krucjali relattiv ghall fatt jekk kienx jesisti jew le l-"interess pubbliku" u l-mument tal-espropju. Wara li tigi pubblikata id-dikjarazzjoni tat-tehid tal-art u wara li jghaddu ftit granet, skond il-ligi (artikolu 12(1) tal-Kapitolu 88), il-Gvern ikollu d-dritt li jiehu l-pussess tal-istess art u jkun jista jghamel bl-art esproprjata dak kollu li sid jista jghamel (artikolu 12(2) tal-istess Kapitolu 88). Mhux korretta s-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-espropju ghadu ma sehhx peress li ghadu ma sarx il-kuntratt finali. Wara l-imsemmija dikjarazzjoni,

skond il-kaz, tal-Gvernatur Generali jew tal-President tar-Repubblika, s-sidien, li l-art taghhom giet esproprjata, jifdallhom biss id-dritt li jithallsu kumpens xieraq ghall-istess art esproprjata. Ghalhekk jekk hemmx jew le l-“interess pubbliku” hi kwestjoni li trid tigi esaminata u relatata mal-hin li saret l-imsemmija dikjarazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti m’hemmx hu ovvju li fi zmien tad-dikjarazzjoni l-artijiet in kwestjoni ttiehdu ghal skop u fl-interess pubbliku. Il-fatt li sussegwentent (u dan hafna snin wara) il-Port Hieles gie privatizzat ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda l-imsemmi “interess pubbliku”;

Ir-rikorrenti jilmentaw ukoll li mhux l-art kollha li ttiehdet minn ghandhom hi parti miz-zona tal-Port Hieles. Dan hu fatt li jirrizulta mix-xhieda u anke mir-rapport tal-Perit Tekniku. Jidher inoltre l-partijiet mhux zviluppati jammontaw ghal circa pari wahda minn ghaxra (1/10) mil-artijiet kollha esproprjati minghand ir-rikorrenti. Kif gia gie rilevat sabiex gie varat l-progett in kwestjoni u sabiex beda jghati l-frott, ittiehed hafna znien. Il-Port Hieles ghadu qed jigi zviluppat, tant li s-socjeta privata li issa qed tmexxi l-progett hi obbligata li tghamel investiment sostanzjali, kif ukoll jirrizulta li hemm il-hsieb li dawk l-artijiet, li bhalissa ghadhom barra miz-zona tal-Port Hieles, jigu eventwalment zviluppati u b’hekk ikunu parti integrali mill-Port Hieles;

Minn dan kollu zgur li ma jirrizultax li l-“interess pubbliku” gie nieqes u zgur li ma jistax jinghad li l-privatizzazzjoni tal-progett in kwestjoni tammonta ghal ammissjoni da parti tal-Gvern li l-progett seta’ sa mill-bidu nett tieghu gie fdat lill-privat. F’kull kaz ta’ esproprjazzjni jista jigi argumentat li s-sidien originali setghu thallew ibieghu huma l-art u b’hekk ikunu jistghu jottjenu l-ahjar prezz tas-suq. Kieku isir hekk, pero’, s-sidien ikollhom il-fakulta’ li jekk ma jottjenux il-prezz li jixtiequ huma ma jbieghux. Jistghu, addirittura, jirrifjutaw li jbieghu anke minghajr ma jigi negozjat il-prezz. Appuntu dan hu li jrid jigi evitat permezz tal-esproprjazzjoni u din hi l-gustifikazzjoni ghala jesisiti l-istitut tal-espropju. Jista jinghad ukoll li l-ligi tissalvagwardja l-interessi tas-sidien billi tipprovdi li l-espropju jrid isir ghal skop nazzjonali u ghall-interess

pubbliku. Il-ligi tipprovdi ukoll li s-sid ghandu jinghata kumpens gust. Inoltre ma hemm xejn li jimpedixxi li l-awtoritajiet jirregolaw ukoll kif ghandu jigi kalkolat dan il-kumpens. B'hekk ukoll mhux suppost li s-sidien ghandhom isofru xi pregudizzju u ghalhekk f'dan il-kaz in partikolari ma jistax jinghad li r-rikorrenti sofrew pregudizzju u li tali pregudizzju ma kienx necessarju lanqas fl-interess nazzjonali;

F'dan il-rigward l-intimati jghamlu referenza ghall-mentalita' tar-rikorrenti li huma jsejjhu bhala "mentalita' fewdali." Frankament il-Qorti ma tistax tifhem dan l-argument tal-intimati. Ir-rikorrenti qed jghamlu dak, li skond il-ligi, jistghu jghamlu biex jissalvagwardaw kemm jista jkun id-drittijiet taghhom. Il-fatt li proprjeta privata tittiehed mill-awtoritajiet kompetenti, b'mod forzat jew obbligatorju, hu per se fatt odjuz u jista jwegga mhux ftit lis-sid jew sidien tal-proprjeta. Ghalhekk, fl-opinjoni tal-Qorti, l-awtoritajiet koncernati kompetenti, f'dawn ic-cirkostanzi, ghandhom jagixxu bl-aktar ragjonevoli u ekwilibrat u ghandhom jghamlu dak kollu possibbli sabiex l-operazzjoni kollha tiehu l-anqas zmien possibbli u issir minghajr problemi u li twegga mill-inqas lis-sid jew sidien li jkunu sofrew l-espropju. Minn xi partijiet tar-risposta u tan-nota tal-intimati, huma l-istess intimati li juru mentalita' arkajka fis-sens li l-awtorita' tista tghamel kollox anke a skapitu tad-drittijiet tac-cittadin jew tal-individwu;

Sahansitra, fir-rikors numru 18/02 jirrizulta li l-intimat Kummissarju tal-Art injora kompletament l-ordni tal-Qorti kompetenti biex huwa, f'terminu li gie ffissat, jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti in konnessjoni mal-artijiet meritu ta' dak ir-rikors. F'dan ir-rigward l-iskuza (ghaliex ma hija xejn hlief "skuza") tal-imsemmi intimat hi li dan gara "bi svista." Infantili u puerili u m'hemm xejn izjed x'wiehed izid hlief li hu punt kardinali tad-demokrazija li kullhadd, inkluz il-Gvern u ufficjali tal-Gvern, ghandhom jobdu l-ordnijiet tal-Qorti;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa s-sentenza li giet prodotta mir-rikorrenti permezz tan-nota tal-1 ta' Frar 2007. Il-fatti tal-kaz in esami huma ghal kollox differenti mill-fatti li

pprovokaw l-imsemmija sentenza tat-8 ta' Jannar 2007. Ghalhekk il-principji enuncjati f'dik is-sentenza mhux applikabbli ghal presenti proceduri;

Hu l-kaz li ssir referenza ghas-sentenza, li giet ikkwotata mill-intimati, fl-ismijiet "Scotts of Greenock Ltd and Lithgows Ltd vs. U.K." (applikazzjoni numru 9482/81) deciza fis-17 ta' Lulju 1989 fejn intaqal li l-iskop pubbliku rigward x'ghandu jsir minn industrija jista jvarja maz-zmien u gie konkluz ukoll li jista jkun hemm rivendita' tal-industrija in kwistjoni u tali rivendita' ma tbiddel xejn ghar-rigward tal-iskop ta' utilita' pubblika li ghalih kienet originarjament giet nazzjonalizata l-istess industrija;

In vista ta dak kollu li gie premess din l-ewwel sottomissjoni tar-rikorrenti m'ghandiex tigi akkolta u ghalhekk qed tigi rigettata;

**Nuqqas ta' Dritt ta' Access Quddiem Awtorita' Gudizzjarja**

**Fit-tieni lok** ir-rikorrenti jilmentaw minn nuqqas ta' dritt kompetenti lilhom li jaccedu quddiem awtorita' gudizzjarja. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jghamlu referenza ghall-artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li fil-kaz ta' tehid furzat ta' xi proptjeta, l-ligi relattiva trid tipprovdi li tali tehid ta' pussess jew akkwist jista jsehh. Inoltre l-istess ligi ghandha tassikura li kull minn jissubixxi l-espropju ghandu jkollu dritt ta' access lil qorti jew tribunal, li jrid ikun indipendenti u imparzjali u mwaqqaf b'ligi, sabiex jigu determinat l-ammont tal-kumpens u sabiex jinkiseb l-hlas tal-istess kumpens. Ir-rikorrenti jkomplu jissottomettu li il-provedimenti tal-Kapitolu 88, li hi l-ligi rilevanti, ma jipprovdu ghall-ebda dritt ta' access quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet, li hu l-Bord kompetenti, li fost affarijiet ohra, hu kompetenti li jiddeciedi dwar l-ammont ta' kumpens dovut. Hu minnu li qabel ma recentement saru xi emendi, fl-imsemmija ligi rilevanti, tali access kien ristrett biss ghal-intimat Kummissarju ta' l-Art, li hu biss seta' jibda tali proceduri u dan wara li jkun gie offert il-kumpens u tali offerta tkun giet rifjutata. Ir-rikorrenti, inoltre, jissottomettu li l-imsemmi intimat beda il-proceduri

rilevanti quddiem il-Bord kompetenti, biss wara li gie ordnat jghamel hekk minn Qorti kompetenti;

In konnessjoni ma dan **it-tieni ilment** tar-rikorrenti, l-intimati rrispondew billi ghamlu referenza ghall-artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni. Dan l-ahhar artikolu b'referenza ghall-imsemmi artikolu 37 tal-istess Kostituzzjoni u li l-provedimenti tieghu r-rikorrenti jpoggu fil-bazi ta' dan l-ilment taghhom. L-imsemmi artikolu 47(9) jipprovdi li ebda haga imsemmija fl-imsemmi artikolu 37 ma ghandha tolqot il-hdim ta xi ligi gia fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ghalhekk skond l-intimati a bazi ta' dan l-artikolu, l-provedimenti tal-Kapitolu 88 huma esentati mill-operat tal-imsemmi artikolu 37 peress li dan kien fis-sehh qabel l-imsemmija data. Inoltre r-rikorrenti jissottomettu li, fi kwalunkwe kaz, hawnhekk si tratta ta' obbligazzjoni minghajr terminu u ghalhekk minn issubixxa l-espropju ta' xi proprjeta jista jitlob il-Qorti biex jigi ffissat tali terminu, kif in effett ghamlu l-atturi;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

It-tieni lment tar-rikorrenti jimmerita li jigi esaminat akkuratament u b'mod approfondit. Hu minnu li r-rikorrenti kienu mcahda ghal hafna snin milli jaccedu quddiem l-awtirita' gudizzjarja, jew ahjar quddiem il-Bord komptetenti, sabiex principalment jigi ffissat il-kumpens xieraq. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti qed jibbazaw l-ilment relattiv taghhom fuq il-provedimenti tal-artikolu 37(1)(b) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi li kull persuna li tkun issubiet espropju tal-proprjeta taghha ghandha jkollha access lil qorti jew tribunal kompetenti sabiex, fost affarijiet ohra, jigi deciz l-ammont tal-kumpens dovut u sabiex l-istess persuna tikseb il-hlas effettiv tal-istess kumpens. In effett sa ftit taz-zmien ilu, pero' zgur li mhux qabel inbdew dawn il-presenti proceduri, l-persuna li tkun ssubiet tali l-espropju skond il-ligi, cioe l-Kapitolu 88, ma kellha ebda access dirett ghall-Bord tal-Arbitragg dwar l-artijiet, li huwa l-Bord kompetenti biex jiddeciedi l-imsemmija kwestjonijiet. Kellu biss access dirett il-Kummisarju tal-Art u hu biss seta' jintavola proceduri quddiem il-Bord ghad-determinazzjoni tal-imsemmija kwestjonijiet. Fil kaz in

esami l-Kummissarju tal-Art kien qed jirrifjuta li jibda tali proceduri, u intavolhom biss wara li gie hekk ordnat li jghamel mill-Qorti kompetenti;

Ghalhekk ghal ghexiren ta' snin ir-rikorrenti ma kellhomx access dirett ghall-awtorita' gudizzjarja kompetenti. Ir-rikorrenti nghataw biss access indirett meta finalment, fuq ordni tal-Qorti, l-intimat Kummissarju tal-Art beda l-proceduri rilevanti quddiem il-Bord;

In konnessjoni ma din is-sottomissjoni tar-rikorrenti, l-intimati jghamlu referenza ghal-provedimenti tal-artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni. Skond l-intimati, dan l-ahhar imsemmi artikolu, jrendi l-provediment tal-artikolu 37 inapplikabbli ghal kull ligi li kienet gia fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962. Il-provedimenti tal-Kapitolu 88 kienu gia fis-sehh qabel l-imsemmija data u kwindi, skond l-intimati, l-artikolu 37(1)(b), kwotat mir-rikorrenti, ma japplikax ghal Kapitolu 88;

Fl-opinjoni tal-Qorti l-imsemmija provedimenti tal-artikolu 47(9) gandhom jigu esaminati fimkien mas-sub-artiklu (d) tal-istess artikolu. L-artikolu 47(9)(d) jistipulaw testwalment is-segwenti – "Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi ligi mghamula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma ….. tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa imsemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) tal-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni." L-intimati jsostnu li l-imsemmija eccezzjoni tapplika biss ghal xi emenda ghal-ligi li kienet issehh qabel l-imsemmija data, u liema emenda giet fis-sehh wara l-istess data. Ir-rikorrenti jargumentaw li l-eccezzjoni tirrigwarda biss l-applikabilita tal-paragrafi (b) u (c) tal-imsemmi artikolu 37(1) u, skond huma, d-drittijiet enunzjati fl-istess paragrafi (b) u (c) huma protetti mill-Kostituzzjoni anke jekk il-ligi relattiva (Kapitolu 88) kienet fis-sehh qabel l-imsemmija data;

Il-Qorti esaminat bir-reqqa l-imsemmija provedimenti kif riportati aktar il-fuq fil-presenti sentenza. Il-Kapitolu 88 ilu fis-sehh minn hafna snin qabel id-data indikata fl-istess artikolu. Inoltre mill-istess data sallum ghaddew ukoll hafna snin. Il-Qorti ma tistax tifhem kif jista jinghad li, f'kazijiet ta' esprprjazzjoni ta' proprjeta, il-Kostituzzjoni ma tipproteggix id-dritt tas-sid esprorjat li jaccedi ghall-awtorita' gudizzjarja kompetenti. Skond l-intimati jekk issir xi emenda ghall-artikolu in kwestjoni, l-Kostituzzjoni tipprotegi tali emenda, izda fl-istess hin id-dritt per se li jinghata fl-istess artikolu mhux protett. Dan hu ghal kollox illogiku. Hu iktar logiku li l-artikolu in kwestjoni jigi interpretat fis-sens li d-dritt mghoti bl-artikolu 37(1)(b) hu protett bil-Kostituzzjoni u l-provedimenti tal-istess artikolu 47(9) mhux applikabbli ghall-imsemmi artikolu. In oltre ir-rikorrenti, meta giet esproprijata l-art taghhom kellhom dritt jew ahjar aspettattiva legittima li jigu kkumpensati ghat-tehid forzat ta' l-art u li jaccedu ghall-Qorti kompetenti sabiex jigu decizi il-kwistjonijiet kollha relattivi, inkluz l-ammont ta' kumpens, u dana kif gie diversi drabi deciz mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem (vide sentenza fl-ismijiet The Pine Valley Development versus Ireland deciza fid-29 ta' Novembru, 1991);

Del resto l-artikoli 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni u l-artikolu 6(1) ta-Konvenzjoni kif ukoll l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jipprotegu d-dritt tat-tgawdija pacifika tal-proprjeta privata minn naha tas-sid u inoltre jghatu access lill-stess sid ghall-awtorita' gudizzjarja meta iridu jigu determinati kwestjonijiet civili bhal fil-kaz in esami;

Ghalhekk is-sottomissjoni tal-intimati mhux sostenibbli. Kwindi din l-eccezzjoni tal-intimati ma tistax tigi akkolta, filwaqt li s-sottomissjoni relarriva tar-rikorrenti timmerita li tigi akkolta;

Hu minnu li l-ligi stess (Kapitolu 88) tghati d-dritt lis-sid li jkun ssubixxa l-espropju li jitlob lil-Qorti kompetenti (Prim'Awla tal-Qorti Civili) sabiex tiffissa terminu sabiex l-imsemmi intimat jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti. Dan, pero', ma jbiddel xejn mill fatt li hu principalment id-dover tal-imsemmi intimat li jipprcedi, kemm jista jkun

malajr, quddiem il-Bord. Is-sid jew sidien tal-art m'ghandhom ebda obbligu, la morali u lanqas legali, li b'xi mod jagevolaw lill-istess intimat fil-qadi ta' l-imsemmi dmir tieghu. Din il-Qorti stess, fis-sede taghha civili u diversament presjeduta, qalet li jekk l-imsemmi intimat ghandu problema dwar xi sidien li jkun injoti jew incerti, l-istess intimat jista xorta wahda jipprocedi bil-hatra ta' kuraturi. Dan hu ukoll stipulat fil-Kapitolu 88, b'mod partikolari, fl-artikolu 10 tal-istess Kapitolu 88;

Gia gie rilevat li l-intimat Kummissarju tal-Art, f'kazijiet bhal dawn ghandu jagixxi b'mod ragjonevoli, spedit u b'mod li jnaqqas kemm jista jkun il-pregudizzju ghas-sid. L-istess intimat ghandu ufficju shih a disposizzjoni tieghu u ghalhekk m'ghandux ikun difficli ghalih li jorganizza ruhu b'tali mod li jista jistabilixxi minn in effett huma s-sidien ta xi immobbli li gie esproprjat. Hu minnu li hafna drabi hemm hafna ricerki li jridu jsiru u hafna problemi li jridu jigu risolti. Pero' l-imsemmi intimate Kummissarju tal-Art ghandu jassigura li hu jkun f'posizzjoni li jghamel ir-ricerki relattivi, li jgheleb il-problemi li jistghu jinqalghu u li jlehhaq max-xoghol kollu. Lanqas ghandu jkun hemm dewmien esagerat biex isir il-kuntratt u jinghata l-kumpens kif miftiehem jew kif stabbilit mill-Bord;

Fl-opinjoni tal-Bord ikun hemm lezjoni tad-dritt fundamentali tas-sid bis-semplici fatt li l-istess sid ma jkollux access ghall-awtorita kompetenti. Iz-zmien li fih din is-sitwazzjoni tibqa issehh hu in effett irrilevanti u immaterjali. It-tul ta' zmien kemm iddum l-istess sitwazzjoni jista jigi konsidrat ghar-rigward tar-rimedju li ghandu jinghata lis-sid. Hawnhekk il-ligi stess kienet tipprojbixxi l-access, ghall-awtorita gudizzjarja da parti tas-sid u dan ghal hafna snin. Inoltre l-intimat Kummissarju tal-Art kien qed jirrifjuta li jagixxi quddiem il-Bord, kif kellu jghamel skond il-ligi. Kwindi d-drittijiet tar-rikorrenti kienu qed jigu ulterjorment lezi. Ma hemm l-ebda obbligu li r-rikorrenti jagixxu quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jigi ffissat terminu lill-istess intimat biex jagixxi quddiem il-Bord. Ir-rikorrenti setghu jirrikorru ghal dawn il-proceduri biss jekk hekk xtaqu. Inoltre ghandu jigi ukoll sottolineat li r-rikorrenti kellhom kull jedd li jirrifjutaw il-kumpens offert;

Ghalhekk jirrizulta li kien hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti li jkollhom access ghall-awtorita' gudizzjarja kompetenti. Il-Qorti thoss li, f'dawn ic-cirkostanzi, l-ahjar rimedju li jista jinghata lir-rikorrenti hu li l-intimati jhallsu kumpens pekunjarju lill-istess rikorrenti. Fil-kalkolu ta' kemm ghandu jkun l-ammont ta' dan il-kumpens ghandu jigi kunsidrat it-tul ta zmien li fih ir-rikorrenti ma kellhomx access ghall-awtorita gudizzjarja kompetenti, kif ukoll fatti ohra li huma rilevanti. Kif gia nghad il-ligi stess ma kinitx tipprovdi ghal tali access. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha u fatturi kollha li huma rilevanti f'dan ir-rigward, fl-opinjoni tal-Qorti tali kumpens ghandu jkun ta' mitt elf euro (€100000);

**Nuqqas ta' Smigh Xieraq fi Zmien Ragonevoli**

Ir-rikorrenti jkomplu jissottmettu li l-istess intimat Kummissarju tal-Artijiet beda l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord, kontra sidien li kien jaf li kienu mejtin u dan il-fatt wassal biex ikun hemm dewmin inutili f'dawk l-istess proceduri. Dan ukoll iwassal ghat-**tielet u r-raba ilment** tar-rikorenti li huma fis-sens li ma giex assikurat lilhom smiegh xieraq fi zmien ragonevoli. Hawnhekk ir-referenza hi ghall-arikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Dawn iz-zewg artikoli, t-tnejn jipprovdu, fost affarijiet ohra, li fid-determinazzjoni ta' drittijiet u obbligi ta' natura civili, kullhadd ghandu l-jedd li dawn jigu determinati minn qorti indipendenti u imparzjali u li tkun imwaqqfa minn ligi. Inoltre kullhadd ghandu dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jilmentaw li ghaddew aktar minn tletin sena minn meta giet pubblikata d-dikjarazzjoni in kwestjoni sakemm inbdew mill-intimat l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord. Inoltre, skond ir-rikorrenti, jidher li l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord mhux ser jigu finalizzati fi zmien ragjonevoli;

F'dan ir-rigward, cioe' ghar-rigward **tat-tielet u raba ilment** tar rikorrenti**,** l-intimati jghamlu referenza ghall-artikolu 7 tal-Att XIV tal-1987 li jipprovdi li ebda ksur ta xi dritt fundamentali taghha allegat minn xi persuna u li kien

imwettaq qabel it-30 ta’ April 1987 ma jaghti lok ghal xi azzjoni. Skond l-intimati dan ifisser li dak kollu li seta sar bejn il-1969 u April 1987 mhux diskutibbli taht il-provedimenti tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319). Barra minn hekk l-intimati jergghu jirribadixxu li l-intimat dejjem setghu jirrikorru ghall-Qorti kompetenti biex jigi ffissat terminu li fih l-intimat Kummissarju tal-Artijiet kellu jipprocedi quddiem il-Bord kompetenti. Ir-rikorrenti rrikorrew ghall-imsemmija procedura biss fil-1996. Skond l-intimati r-rikorrenti kienu naqsu li jippruvaw it-titolu tahhom ghar-rigward tal-bictejn art in kwestjoni u dan il-fatt kien li wassal ghal dewmien. L-intimati donnhom jammettu li r-rikorrenti ma kellhomx l-obbligu li jikkooperaw mal-imsemmi intimat fil-proceduri kollha involuti f’dan l-espropju. Pero’, skond l-intimati, dan ma jfissirx li r-rikorrenti jistghu jghamlu hekk impunement;

Ghalhekk ir-rikorrenti ma jistghu jilmentaw dwar dewmien jekk huma hallew lill-istess intimat Kummissarju tal-Artijiet jintilef f’hafna proceduri u ricerki biex principalment jigi stabbilit minn kienu effettivament is-sidien tal-bictejn art in kwestjoni. F’dan ir-rigward l-intmati jghamlu referenza ghall-fatt li fil-1995 id-Dipartiment tal-Artijiet kien avza pubblikament li kienet qed tinghata l-opportunita li kull minn kien interessat li jinkariga avukat ta’ fiducja tieghu biex jghin biex tigi stabbilta l-provenjenza ta’ proprjeta esproprijata u dan a spejjez tal-istess Dipartiment. Ir-rikorrenti naqsu li jusufruwixxu minn tali opportunita’. Dan kollu hu indikattiv li r-rikorrenti riedu jfixxklu u jipprovokaw incidenti li setghu wasslu ghal dewmien. Barra minn hekk, skond l-intimati, l-proceduri quddiem il-Bord kompetenti ilhom pendenti ftit snin u inoltre dawn l-istess proceduri qed jinstemghu attivament. In vista ta’ dan kollu, skond l-intimati, ma tirrizultax il-vjolazzjoni li qed jilmentaw minna r-rikorrenti;

**Konsiderazzjoniiet tal-Qorti**

Ghar-rigward ta’ dan l-iment dwar smiegh xieraq fi “zmien ragjonevoli”, ir-rikorrenti jghamlu zewg sottomissjonijiet. L-ewwel wahda tirreferi ghal fatt li l-intimat Kummissarju tal-Art ha hafna zmien biex jibda l-proceduri quddiem il-Bord

kompetenti. Inoltre l-istess intmat beda dawn il-proceduri wara li l-Qorti Civili ffissatlu terminu li fih huwa kellu jagixxi quddiem l-imsemmi Bord. Skond ir-rikorrenti dan wassal biex ikun hemm dewmien inutli ghal dak li jirrigwarda l-proceduri quddiem il-Bord. Dan il-fatt gia gie trattat “in estenso” in konnessjoni mal-ilment precedenti tar-rikorrenti. Barra minn hekk l-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni li qed jinvokaw, f’dan ir-rigward, a favur tagghhom ir-rikorrenti jirreferu ghal proceduri li jkunu gia nbdew quddiem l-awtorita’ gudizzjarja kometenti u li jiehdu zmien irragjonevoli biex jigu decizi finalment. Ghalhekk l-imsemmija artikoli mhux applikabbli ghal fatti li ghalihom jghamlu referenza r-rikorrenti;

In effett dawn l-ilmenti tar-rikorrenti huma bbazati fuq il-provedimenti tal-arikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. It-tieni sottomissjoni li jghamlu r-rikorrenti tirrigwarda l-fatt li l-istess intimat Kummissarju tal-Artijiet meta beda l-imsemmija proceduri quddiem il-Bord, harrek sidien, li kien jaf li kienu mejtin. Dan wassal biex ikun hemm dewmin inutili f’dawk l-istess proceduri. Inoltre, skond ir-rikorrenti, hemm indikazzjonijiet li l-istess proceduri quddiem il-Bord mhux ser jigu finalizzati fi zmien ragjonevoli. Il-Qorti, sabiex jigi determinat jekk dan l-iment huwiex fondat jew le, ma tistax timxi biss fuq dak li r-rikorrenti jsejjhu bhala “indikazzjonijiet.” Semmai iridu isiru provi f’dan ir-rigward u f’dan il-kaz u f’dan ir-rigward ma saru l-ebda provi. Sabiex jigi determinat jekk il-proceduri in kwestjoni hadux “zmien ragjonevoli”, l-istess proceduri jridu jkunu gia decizi b’mod finali u ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni dak kollu li jista jkun rilevanti. In effett jidher li il-proceduri in kwestjoni ghadhom pendenti quddiem il-Bord. Dan jista jkun dovut ukoll peress li r-rikorrenti bdew il-presenti proceduri;

Biex jigi deciz jekk iz-zmien kienx “ragjonevoli” jew le, l-proceduri relattivi jridu jkunu gia decizi. Ghallhekk ir-rikorrenti jistghu jilmentaw kostituzzjonalment li kien hemm dewmien irragjonevoli fid-determinazzjoni tal-proceduri, wara li l-proceduri relattivi quddiem il-Bord kompetenti jigu decizi finalment;

In vista ta’ dan kollu dan l-ilment tar-rikorrenti ma jirrizultax pruvat u ghalhekk ma tirrizultax vjolazzjoni tal-imsemmija artikoli in kwestjoni;

**Nuqqas ta’ Indipendenza u Imparzjalita’ tal-Bord ta’ l-Arbitragg**

**Il-hames ilment** tar-rikorrenti jirrigwarda dak li skond huma hu nuqqas ta’ indipendenza u imparzjalita’ tal-Bord ta’ l-Arbitragg dwar l-Artijiet liema dritt hu sancit bl-imsemmija artkoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Skond ir-rikorrenti l-membri tal-Bord ma jgawdux mill- indipendenza u imparzjalita’ li huma garantiti bl-imsemmija artikoli, u dana b’mod partikolari l-membri teknici tal-Bord, liema membri teknici ma jgawdux is-sigurta’ tal-uffucju taghhom, billi dawn jigu nominati mill-awtoritajiet kompetendi u jisthu facilment jitnehhew mill-istess awtoritajiet jew l-inkariku taghhom ma jigix konfermat;

Dwar dan il-**hames ilment** l-intimati jirrilevaw li r-rikorrenti setghu jirrekuzaw il-membri teknici tal-Bord jekk skond ir-rikorrenti dawn ma jgawdux l-indipendenza u l-imparzjalita’ li trid il-ligi. L-intimati ssollevaw ukoll li l-Bord in kwestjoni hu mwaqqaf b’ligi u inoltre ma jiehu ordnijiet minn ghand hadd u ghalhekk hu indipendenti. L-istess membri tal-Bord ghandhom l-obbligu tal-imparzjalita. Il-Bord hu presjedut minn gudikant li zgur igawdi l-protezzjoni mghotija fil-Kostituzzjoni. Skond il-provedimenti tal-artikolu 24(3) tal-Kap 88 il-membri teknici tal-Bord igawdu s-‘security of tenure’ghall-perjodu tal-hatra taghhom. Inolre l-Bord jiffissa biss l-ammont ta’ kumpens u dan ma jammontax ghad-“determinazzjoni ta’ drittijiet jew obbligi civili.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ir-rikorrenti jghamlu referenza ghall-membri teknici tal-Bord hu jissottomettu li dawn ma jgawdux mill-imparzjalita’ u indipenza li huma garantiti bl-artkoli 37(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Skond ir-rikorrenti l-imsemmija membri teknici ma

jgawdux is-sigurta' tal-uffucju taghhom billi huma jigu nominati mill-awtoritajiet kompetendi, li facilment ma jikonfermawx l-istess membri teknici minghajr ma jghatu ebda raguni. Skond ir-rikorrenti dan inaqqas l-indipendenza u l-imparzjalita', li trid i-ligi, ghar-rigward tal-membri teknici, li ukoll qed jiddeciedu kwestjonijiet li jirrigwardaw direttament il-Gvern. Inoltre jista jkun li l-istess membri teknici joqodu attenti li ma jurtawx l-istess Gvern;

Dan l-argument seta' kien validu qabel ma saru xi emendi fil-Kapitolu 88. Illum ma jistax jinghad li ghad hemm "membri teknici tal-Bord." Skond il-ligi, korrentement in vigore, il-Bord hu mghamul minn "chairman" li ghandu ikun jew Magistrat jew Imhallef, anke jekk ikunu irtirati (artikolu 23(2) tal-Kapitolu88). Inoltre ghandu ikun hemm lista ta' periti (artikolu 23(4) tal-istess Kapitolu) li minnha c-"chairman" jista jghazel, ghal kull kaz speciku u jekk jidhirlu li hu hekk opportun u meta jkun hemm kwestjoni ta' valutazzjoni u teknika, zewg periti mill-imsemmija lista sabiex dawn jghatu pariri lill-Bord dwar l-istess kwestjonijiet teknici - vide artikoli 25(3) u (4). Fi kwalunkwe kaz id-decizjoni finali tispetta lill-Bord, fil-prattika c-"chairman" tal-Bord, li, kif gia gie rilevat, skond il-ligi, ghandu ikun gudikant, li zgur igawdi l-protezzjoni mghotija fil-Kostituzzjoni. Kwindi illum ma jistax jinghad li hemm membru tekniku ta-Bord. Jesistu biss nomini ta' periti bhal nomini ta' periti teknici. Il-partijiet jistghu dejjem, ghar-ragunijiet validi u skond il-ligi, joggezzjonaw je jirrekuzaw il-periti nominati, jew wiehed biss mill-istess perit;

Mhux sostenibbli s-sottomissjoni tal-intimati li l-Bord jiffissa biss l-ammont ta' kumpens u dan ma jammontax ghad-"determinazzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili." Ma hemmx dubju li dak li jiddeciedi il-Bord huma kwestjonijiet li jinvolvu drittijiet u obbligi ta' natura civili;

Fid-dawl tal-premess dawn l-ilmenti tar-rikorrenti ma jimmeritawx li jigu akkolti;

### Vjolazzjoni tad-Dritt ghal Kumpens li jkun Xieraq

**Is-sitt ilment** tar-rikorrenti jirreferi ghall-dak li rikorrenti jsejjhu bhala vjolazzjoni tad-dritt ghal kumpens xieraq. Huma jsostnu li d-decizjoni tal-Bord kompetenti dwar il-kumpens trid tittiehed skond il-parametri li huma dettati mill-ligi u b'mod partikolari li tali kumpens ghandu jirreferi ghaz-zmien meta sar l-espropju u cioe' meta l-artijiet in kwestjoni ma setghux jigi zviluppati u kienu "frozen." F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jsostnu li l-Gvern qabel, ma esproprja, kien assikura ruhu li ma jsir l-ebda zvilupp fl-artijiet in kwistjoni. Ghalhekk l-esercizzju li jrid jghamel il-Bord gie kondizzjonat bl-agir tal-istess Gvern. Dan kollu jimpedixxi li jigi stabbilit realistikament il-valur oggettiv ta' l-artijiet in kwestjoni ukoll fi zmien id-dikjarazzjonijiet relattivi. Ir-rikorrenti jissottomettu ukoll li l-Kostituzzjoni tipprovdi li "f'kazijiet specjali" il-legislatur jista jistabbilixxi l-parametri biex jigi stabbilit il-kumpens. Ir-rikorrenti jissottomettu li il-presenti kaz mhux wiehed "specjali" u ghalhekk ghandhom japplikaw il-kriterji generali. Il-fatt per se li l-kumpens ghandu jirreferi ghaz-zmien meta saret id-dikjarazzjoni tat-tehid tal-art hu lesiv tad-drittijiet fundamentali taghhom u dan billi skond ir-rikorrenti l-kriterji ghandhom jirreferu ghaz-zmien meta jigi deciz l-ammont tal-kumpens u dan ukoll peress, dejjem skond ir-rikorrenti, l-esprpju ghadu ma giex finalizzat;

Ir-rikorrenti jissottomettu li oltre l-imsemmi kumpens ghandu jinghata kumpens ulterjuri relatat ghaz-zmien kemm damu okkupati l-artijiet sa meta jigi stabbilit il-kumpens dovut. In alternattiva r-rikorrenti ghandhom jigu kkumpensati ghad-dewmien tal-process ta' espropju billi jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi bhal l-izvalutazzjoni u l-inflazzjoni tul iz-zmien. Jista ukoll jigi akkordat lir-rikorrenti mghax akbar minn dak lit rid il-ligi. Fl-istess hin ir-rikorrenti jammettu li dan kollu mhux possibbli u dan il-fatt jammonta ghall-illegalita' tal-esproprju u fin-nullita' legali ta' tal-istess esproprju;

L-intimati, ghr-rigward ta' dan **is-sitt ilment**, jirrilevaw li il-bicctejn art gew esproprijati fil-1969 u dan fl-istat u fic-cirkostanzi li kienu fihom fl-istess zmien. Hu minnu li sar 'freezing' ghar-rigward tal-izvilupp taz-zona in kwestjoni.

Din kienet mizura legali ta' kontroll ta' uzu ta' proprjeta fl--interess pubbliku u l-Gvern kellu kull dritt li jaghmel hekk biex eventwalment iz-zona tigi zviluppata f'Port Hieles u dan fuq medda ta' snin. Skond l-intimati l-kumpens offert hu giust u xieraq tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Mhux logiku li r-rikorrenti jgawdu minn awment fil-valur tal-proprjeta li seta sehh wara t-tehid tal-proprjeta. Inoltre jekk kien hemm awment fil-valur dan kien ukoll dovut ghall-investiment kbir li sar mill-Gvern. Dak li jsostnu r-rikorrenti f'dan ir-rigward jikkontradixxi l-pretensjoni tal-istess rikorrenti li t-tehid in kwestjoni jivvjola d-drittijiet fondamentali taghhom. Inltre, skond l-intimati, l-Kap 88 jipprovdi ghall-hlas ta' 'danni' kalkolati bil-hamsa fil-mija fis-sena fuq il-valur stabbilit, mid-data tal-espropju sad data tal-hlas tal-kumpens;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Dan l-ilment jirrigwarda d-dritt, li r-rikorrenti jsejjhu bhala "dritt ghal kumpens xieraq." Ir-rikorrenti jghamlu diversi sottomissjonijiet dwar l-artikoli tal-Kapitolu 88 li jirregolaw kif ghandu jigi likwidat il-kumpens gust. Huma jilmentaw l-aktar dwar li fl-imsemmija ligi hemm provdut li tali kumpens ghandu jirreferi ghaz-zmien meta sar l-espropju. Ir-rikorrenti jirreferu ghal fatt li dak iz-zmien l-artijiet in kwestjoni ma setghux jigi zviluppati u dan skond l-ordni tal-Gvern, li fl-opinjoni tar-rikorrenti, qabel ma sar esproprja, assikura li ma jsir l-ebda zvilupp fl-artijiet in kwistjoni. Kwindi dejjem skond ir-rikorrenti l-Gvern bl-agir tieghu mill-ewwel ikkondizzjona d-decizjoni tal-Bord f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok jigi rilevat li ma hemm xejn li l-Bord jikkonsidra dawn il-fatti jekk dawn l-istess fatti jirrizultawlu. Xejn ma jimpedixxi li l-kumpens jigi stabbilit realistikament b'mod oggettiv u bl-applikazzjoni ta' kriterji normali;

Inoltre f'dan l-istadju ma jistax jinghad, f'dan ir-rigward, li b'xi mod gew lezi d-drittijiet fundamentali jekk in effett il-kumpens xieraq ghadu ma giex stabblilit mill-Bord kompetenti. Mhux kompitu ta' din il-Qorti li tghati pariri lill-Bord ta' kif ghandu jigi stabbilit il-kumpens. Dik id-decizjoni tispetta biss lill-Bord;

Wara li l-Bord jistabilixxi tali kumpens, hu hemmhekk li r-rikorrenti, jekk ihossu li b'dik id-decizjoni gew lesi xi drittijiet fundamentali taghhom, jistghu jagixxu sabiex jinghata lilhom ir-rimedju opportun. Din il-Qorti m'ghandiex dubju li l-Bord ser jikkonsidra dak kollu li hu rilevanti sabiex jasal ghad-decizjonijiet tieghu. Ma hemmx dubju ukoll li l-istess Bord ser jikkonsudra it-trapass taz-zmien minn meta giet pubblikata d-dikjarazzjoni in kwestjoni. Jigi ukoll putwalizzat li r-rikorrenti mhux qed jattakaw bhala mhux kostituzzjonali il-provedimenti relattivi tal-ligi rilevanti. Ghalhekk ma hemm xejn irregolari jew illegali ghal dak li jirrigwarda l-espropju in kwestjoni.

**Konkluzjonijiet tal-Qorti**

Bhala konkluzjoni  jinghad li l-atti tal-kawza gew ceduti fil-konfront tal-intimati Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni ta-Gudizzju u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront biss tal-istess intimati. Ghandha tigi akkolta t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati u kwindi l-intimat Onor. Ministra tal-Gustzzja u Gvern lokali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Ghandu jigi deciz ghar-rigward tal-ilmenti kollha tar-rikorrenti u dwar s-sottomissjonijiet relattivi tal-intimati billi jigi dikjarat li tirrizulta lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti pero' limitatament ghad-dritt ta' access lill-awtorita' gudizzjarja kompetenti f'kazjiet ta' espropju. Ghalhekk il-pretensjonijiet l-ohra kollha tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu rigettati kif trid tigi rigettata l-eccezzjoni tal-intimati biss ghar-rigward tas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li jirrigwardaw l-imsemmija lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti li tirrizulta pruvata;

Ir-remedju li ghandu jinghata ghall-imsemmija lezjoni ghandu jkun fil-forma ta' hlas ta' kumpens pekunjarju mill-intimati lir-rikorrenti. Tali kumpens ghadu ikun ta' mitt elf euro (€100000);

**Decide**

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza fil-konfront biss tal-intimati Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizja stante li l-kawza giet ceduita fil-konfront biss tal-istess intimati; billi fit-tieni lok tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati; billi fit-tielet lok tilqa t-tieni eccezzjoni preliminari tal-intimati u b'hekk tillibera lill-intimat Onor. Ministru tal-Gustizzja u Gvern lokali mill-osservanza tal-gudizzju; billi fir-raba lok tiddikjara li gew lezi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti billi kien hemm nuqqas ta access tar-riokorrenti ghall-awtorita' kompetenti;

billi fil-hames tichad il-pretensjonijiet l-ohra kollha tar-rikorrenti; fis-sitt lok billi tordna li l-intimati Kummissarju tal-Art u l-Avukat Generali in solidum bejnithom ihallsu lir-rikorrenti s-somma ta' mitt elf euro (€100000) in linea ta' kumpens ghall-imsemmija vjolazzjoni serja tad-drittijiet tar-rikorrent rigwardanti l-access ghall-awtorita' gudizzjarja kompetenti u fis-seba' lok billi tiddikjara li m'ghandu jinghata l-ebda rimedju iehor hlief dak gia mghoti;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------